



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Marzu 2024
(OR. en)

8153/24

SOC 233
EMPL 135
EDUC 101
JEUN 66
ECOFIN 357
COMPET 372
MI 363
MIGR 140
DIGIT 92
ENV 365
FISC 61
SAN 198
GENDER 51

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Marzu 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 131 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE: pjan ta' azzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 131 final.

Mehmuż: COM(2024) 131 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.3.2024
COM(2024) 131 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Nuqqas ta' ħaddiema u ta' hiliel fl-UE: pjan ta' azzjoni

1. INTRODUZZJONI

In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet ilu jiżdied fl-Istati Membri kollha għal kważi għaxar snin. Għalkemm din ix-xejra ġiet interrotta temporanjament mill-pandemija tal-COVID-19, in-nuqqas reġa' żdied b'mod qawwi warajha, xprunat mill-irkupru ekonomiku fl-Istati Membri, il-bidliet fid-domanda għall-ħiliet u x-xenarju demografiku, kif ukoll il-konsegwenzi tal-bidliet ġeopolitiċi li għaddejjin u l-ambizzjoni tal-UE ta' awtonomija strateġika miftuħa. In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet għadu għoli minkejja t-tnaqqis riċenti fir-ritmu ekonomiku. Dan l-aħħar, il-Kummissjoni identifikat 42 okkupazzjoni li hija tqis bħala okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha ⁽¹⁾. Barra minn hekk, id-ditti qed jirrapportaw dejjem aktar li ma jistgħux isibu l-ħiliet speċifiċi meħtieġa biex jimlew il-postijiet vakanti tagħhom ⁽²⁾.

In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet għandu implikazzjonijiet kemm ekonomiċi kif ukoll soċjali u jippreżenta sfida li trid tiġi indirizzata b'mod urġenti. Sakemm ma jiġix mitigat, dan in-nuqqas jirriskja li jnaqqas il-kapaċità tal-UE għall-innovazzjoni u l-attrazzjoni għall-investimenti, u li jdgħajfeh il-kompetittività u jxekkel il-potenzjal tat-tkabbir tagħha u l-finanzjament tal-mudell tal-protezzjoni soċjali tagħha. Hemm ukoll ir-riskju li jiżdiedu l-inugwaljanzi u li n-nies ma jlaħħqux mal-pass mgħaġġel tal-bidla, b'konsegwenzi negattivi għall-koeżjoni tas-soċjetajiet tagħna u s-saħħa tad-demokraziji tagħna. Barra minn hekk, nuqqas ta' ħaddiema bil-ħiliet meħtieġa jista' jxekkel it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, kif ukoll il-kompetittività u s-sigurtà u l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE fi żmien meta jeħtieġ li nsaħħu kull waħda minnhom biex niżguraw ir-reżiljenza tal-UE. Għalkemm in-nuqqas f'xi każijiet jista' jwassal għal titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u inklużjoni aħjar ta' persuni minn gruppi sottorappreżentati minħabba żieda fil-kompetizzjoni bejn l-impjegaturi biex jattiraw lill-ħaddiema, dan jista' jwassal għal żieda fl-intensità tax-xogħol u l-pressjoni fuq ix-xogħol għall-ħaddiema fis-setturi u l-okkupazzjonijiet li jaffettwaw.

Peress li huma l-eqreb għas-suq tax-xogħol, is-sħab soċjali, inkluż fil-livell settorjali, jifhmu tajjeb il-ħtiġijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema. Din hija r-raġuni għaliex il-President von der Leyen, flimkien mal-Presidentza Belġjana tal-Kunsill tal-UE, sejħet Summit tas-Sħab Soċjali f'Val Duchesse fil-31 ta' Jannar 2024. Id-dikjarazzjoni ta' Val Duchesse ⁽³⁾ kienet tinkludi impenn ċar biex jinġiebu aktar nies fis-suq tax-xogħol, jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u jiġu integrati l-ħaddiema li ġejjin minn barra l-pajjiż, permezz tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv.

L-UE mhix se tibda mill-bidu nett. Dan il-pjan ta' azzjoni jibni fuq il-bosta inizjattivi, inkluż is-Sena Ewropea tal-Ħiliet li għaddejja bħalissa, li l-UE, l-Istati Membri u s-sħab soċjali diġà stabbilixxew. Dan għandu l-għan li jmexxi l-miżuri rilevanti fuq żmien qasir sa medju, billi jimplimenta aktar passi konkreti, speċjalment fil-livell settorjali, li l-UE, l-Istati Membri u s-sħab soċjali se jieħdu jew għandhom jieħdu biex jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw min-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet. Barra minn hekk, iwitti t-triq għal azzjonijiet jew inizjattivi potenzjali fil-futur.

⁽¹⁾ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE (COM/2023/716) li, jekk maqbula mill-koleġislaturi, twitti t-triq għal approċċ strateġiku biex jimtlew il-postijiet vakanti fl-okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema.

⁽²⁾ Ewrobarometru Flash FL529 (2023): Is-sena Ewropea tal-Ħiliet - Nuqqas ta' ħiliet, strateġiji ta' reklutaġġ u żamma fl-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Għal aktar dettalji, ara t-taqsima 2.2.

⁽³⁾ [Dikjarazzjoni Tripartitika għal Djalogu Soċjali Ewropew Prosperuż iffirmata fil-31 ta' Jannar 2024 f'Val Duchesse.](#)

2. L-IXPRUNATURI EWLENIN TAN-NUQQAS, IR-RWOL TAD-DJALOGU SOĊJALI U L-OQSMA TA' POLITIKA EWLENIN GĦALL-AZZJONI

Ir-rieżami annwali tal-2023 dwar Employment and Social Developments in Europe (ESDE_ ⁽⁴⁾), dwar “*Addressing labour shortages and skills gaps in the EU*”, ipprova evidenza u analiżi sostanzjali dwar in-nuqqas persistenti ta' ħaddiema u l-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet li qed jinbidlu fl-UE. Dan identifika t-tliet xprunaturi ewlenin li ġejjin għan-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet madwar l-UE:

- **It-tibdil demografiku, li jnaqqas il-provvista tax-xogħol u jżid id-domanda għal ċerti servizzi.** Bejn l-2009 u l-2023, il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol fl-UE naqset minn 272 miljun għal 263 miljun ⁽⁵⁾, u hija mistennija tkompli tonqos għal 236 miljun sal-2050. B'mod parallel, il-ħtiġijiet tal-kura tal-popolazzjoni anzjana qed jiżiedu. L-effett ikkombinat ta' popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tonqos u żieda fid-domanda għal servizzi speċifiċi, bħall-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, huwa mistenni jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għan-nuqqas ta' ħaddiema fuq perjodu medju sa twil ⁽⁶⁾.
- **It-tkabbir sostanzjali fl-impjiegi mistenni mit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, il-ħtieġa akbar għas-sigurtà u t-tfittxija għal awtonomija strateġika miftuħa u reżiljenza msaħħa, b'konsegwenzi għas-settijiet ta' ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol.** Bħalissa, in-nuqqas ta' ħiliet jikkonċerna l-livelli tal-kwalifiki, il-profilu akkademiku u tekniċi kollha, u huwa partikolarment rilevanti f'oqsma bħax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika.
- **Kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena f'ċerti okkupazzjonijiet u setturi, li jagħmluha diffiċli li jimtlew il-postijiet tax-xogħol vakanti u/jew li jinżammu l-ħaddiema.** Kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati u strapazzanti, bħall-pressjoni ta' xogħol ogħla mill-medja u pagi baxxi, huma fattur ewleni għan-nuqqas persistenti ta' ħaddiema f'xi okkupazzjonijiet u setturi.

Bħala segwitu għad-Dikjarazzjoni ta' Val Duchesse, il-Kummissjoni fittxet il-fehmiet tas-sħab soċjali Ewropej ⁽⁷⁾ dwar dan il-pjan ta' azzjoni. Hija organizzat seduta magħhom fil-21 ta' Frar 2024. Imbagħad is-sħab soċjali infurmaw lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tagħhom li jieħdu azzjonijiet biex jindirizzaw il-kwistjoni tan-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet. Il-biċċa l-kbira huma unilaterali minn organizzazzjoni tal-impjegaturi jew minn trade union. Fil-livell settorjali xi wħud huma wkoll bilaterali kemm mal-organizzazzjoni tal-impjegaturi rilevanti kif ukoll mat-trade union rilevanti li tinvolvi ruħha b'mod konġunt. Il-Kummissjoni tilqa' dawn l-azzjonijiet, li huma ppreżentati taħt it-taqsimiet tal-oqsma ta' politika ewlenin għal azzjoni li jappartjenu għalihom.

⁽⁴⁾ Il-Kummissjoni Ewropea (2023), Employment and Social Developments in Europe, Rieżami Annwali 2023.

⁽⁵⁾ Popolazzjoni fl-1 ta' Jannar skont il-grupp ta' età u s-sess, sors: Eurostat, demo_pjangroup.

⁽⁶⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar “It-Tibdil Demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni” (COM(2023) 577 final), Strateġija Ewropea għall-Kura (COM(2022)440), Rapporti dwar l-impatt tat-tibdil demografiku (SWD(2023)21 u COM(2020)109).

⁽⁷⁾ Is-sħab soċjali Ewropej huma l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tat-trade unions fil-livell tal-UE li huma involuti fid-djalogu soċjali Ewropew, kif previst fl-Artikoli 154 u 155 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1993 stabbiliet il-kriterji li l-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali Ewropej jeħtieġ li jikkonformaw magħhom (COM(93) 600 final). Il-Kummissjoni regolarment tippubblika lista tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali Ewropej rikonoxxuti. Minn Settembru 2023, il-lista tinkludi 88 organizzazzjoni.

Peress li d-djalogu soċjali għandu rwol ewlieni fl-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, is-summit ta' Val Duchesse jista' jkun biss il-bidu ta' proċess sostnut u orjentat lejn ir-riżultati fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi.

Għal dan l-għan, il-Kummissjoni:

- Se tipprovdi finanzjament biex issaħħaħ il-ħidma tas-sħab soċjali biex tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet ⁽⁸⁾;
- Tistieden lis-sħab soċjali jissottomettu proġetti operazzjonali li jistgħu jindirizzaw in-nuqqas eżistenti u antiċipati;
- Tistieden lis-sħab soċjali jiffukaw l-isforzi ta' djalogu soċjali tagħhom fuq is-setturi speċifiċi l-aktar fil-bżonn.

Filwaqt li jibni fuq l-analiżi tal-ESDE msemmija hawn fuq u l-feedback riċevut mis-sħab soċjali, dan il-pjan ta' azzjoni jkopri **l-oqsma ta' politika għal azzjoni ewlenin li ġejjin** fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali u tas-sħab soċjali:

1. L-appoġġ **għall-attivazzjoni** ta' persuni sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol;
 2. L-għoti ta' appoġġ **għall-ħiliet, it-taħriġ u l-edukazzjoni**;
 3. It-titjib **tal-kundizzjonijiet tax-xogħol**;
 4. It-titjib **tal-mobbiltà ġusta fi ħdan l-UE għall-ħaddiema u l-istudenti**;
 5. **L-attrazzjoni ta' talent** minn barra l-UE.
- 3. OQSMA TA' POLITIKA GĦAL AZZJONI EWLENIN BIEK JIĠI INDIRIZZAT IN-NUQQAS TA' ĦADDIEMA U ĦILIET**

3.1. Appoġġ għall-attivazzjoni ta' persuni sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol

Iż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol hija kruċjali biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema. Minkejja titjib kontinwu fir-rata tal-impjieg tal-UE, għad hemm potenzjal mhux sfruttat sostanzjali barra mis-suq tax-xogħol. B'kollox, 21 % tal-popolazzjoni tal-lum fl-età ta' bejn l-20 u l-64 sena għadha inattiva ⁽⁹⁾. Aktar kisbiet fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol jistgħu jinkisbu billi ssir enfasi fuq daww il-gruppi tal-popolazzjoni li bħalissa huma sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol b'mod partikolari f iż-żoni rurali u kostali u fir-reġjuni remoti u ultraperiferiċi ⁽¹⁰⁾. Dawn jinkludu n-nisa, il-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet (jiġifieri persuni b'edukazzjoni sekondarja jew baxxa), il-ħaddiema akbar fl-età, iż-żgħażaġh, il-persuni bi sfond ta' migrazzjoni ⁽¹¹⁾ jew ta' minoranza razjali jew etnika u l-persuni b'diżabbiltà. Il-potenzjal mhux sfruttat huwa l-ogħla għall-ewwel tlieta minn dawn il-gruppi. Kieku r-rata ta' attività tagħhom madwar l-

⁽⁸⁾ Permezz tal-linji baġitarji ta' prerogattiva tad-djalogu soċjali, il-Kummissjoni tappoġġa l-proġetti tas-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali billi kull sena tniedi żewġ sejħiet miftuħa għal proposti dwar id-djalogu soċjali u miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-ħaddiema. Il-proġetti jippermettu lis-sħab soċjali jibnu l-kapaċitajiet u jaqsmu l-għarfien f'oqsma relatati man-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet.


⁽⁹⁾ Iż-żgħażaġh inattivi jinkludu wkoll daww fl-edukazzjoni.

⁽¹⁰⁾ Ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE jbatu mill-ogħla rati ta' qgħad fost iż-żgħażaġh fl-UE u għandhom livelli partikolarment għoljin ta' NEETs.

⁽¹¹⁾ Dan ikopri kemm ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll ċittadini ta' Stati Membri tal-UE li kellhom nazzjonalità ta' pajjiż terz u li saru ċittadini tal-UE kif ukoll ċittadini tal-UE b'ġenituri mwielda barra l-pajjiż.

UE kellha tiżdied għal dik tat-tliet Stati Membri bl-ogħla rati ta' attività għal dawn il-gruppi (Figura 1), 17, 13 u 11-il miljun persuna addizzjonali minn kull grupp, rispettivament, jidħlu fis-suq tax-xogħol sal-2030 ⁽¹²⁾.

Illustrazzjoni 1: In-nisa, l-anzjani, u l-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet jirrappreżentaw l-akbar forza tax-xogħol potenzjali mhux sfruttata fl-UE



Sors: ESDE 2023.

Nota: Ir-rata ta' attività fil-mira (l-assi tax-xellug) hija r-rata ta' attività medja tat-tliet Stati Membri bl-ogħla rati ta' attività għal kull wieħed minn dawn il-gruppi. Iż-żieda fil-popolazzjoni attiva fl-UE kollha (l-assi tal-lemin) turi n-numru addizzjonali potenzjali ta' persuni attivi li kieku kellha tintlaħaq ir-rata ta' attività fil-mira.

L-ostakli ewlenin għall-impjiegi jvarjaw għal kull grupp sottorappreżentat. In-nisa għandhom rati ta' impjiegi aktar baxxi u proporzjon b'mod sinifikanti ogħla ta' impjiegi part-time mill-irġiel, l-aktar minħabba l-kondiviżjoni inugwali tax-xogħol domestiku u r-responsabbiltajiet ta' indukrar mhux imħallsa. Hemm ukoll ostakli strutturali oħra, bħan-nuqqas ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal affordabbli u ta' kwalità ⁽¹³⁾ u kura fit-tul li jagħtu lill-ġenituri u lill-persuni b'responsabbiltajiet ta' kura l-possibbiltajiet li jaħdmu full-time, kif ukoll diżinċentivi fiskali biex jaħdmu aktar sigħat. Fil-każ ta' individwi b'edukazzjoni sekondarja jew baxxa, l-ostakli għall-impjiegi jinkludu n-nuqqas ta' opportunitajiet indaqs fl-aċċess għall-edukazzjoni inklużiva ta' kwalità u l-impatt taż-żieda fir-rekwiżiti tal-ħiliet. L-impjiegi ta' ħaddiema akbar fl-età spiss jiġi affettwat mir-riġiditajiet tar-regoli tal-irtirar, minn rekwiżiti tal-ħiliet li jinbidlu malajr flimkien ma' rata aktar baxxa ta' parteċipazzjoni fit-taħriġ, u minn kundizzjonijiet tax-xogħol li mhumix adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' dan il-grupp, inkluż f'termini ta' prattiki tax-xogħol u postijiet tax-xogħol. Iż-żgħażaġh jiffaċċjaw segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u huma kkaratterizzati minn sehem ogħla mill-medja ta' kuntratti tax-xogħol irregolari jew temporanji. Il-persuni b'diżabbiltà jiltaqqu ma' nuqqas ta' postijiet tax-xogħol adattati, u ta' proċessi ta' rekrutazzjoni u edukazzjoni inklużivi. Għal persuni bi sfond ta' migrazzjoni, jew ta' minoranza razzjali jew etnika, spariġġi fil-ħiliet, ħiliet inadegwati, diffikultajiet

⁽¹²⁾ Il-Kummissjoni Ewropea (2023), Employment and Social Developments in Europe, Rieżami Annwali 2023. Dawn in-numri mhumix kumulattivi peress li t-tliet gruppi jitrakkbu. Fil-każ tan-nisa u l-persuni b'livell baxx ta' ħiliet, dan il-potenzjal huwa xprunat mis-sehem relattivament kbir tagħhom fil-popolazzjoni, filwaqt li għall-ħaddiema akbar fl-età huwa dovut għad-diskrepanza relattivament kbira fir-rati ta' attività tagħhom meta mqabbla mal-pajjiżi bl-aħjar prestazzjoni.

⁽¹³⁾ [Il-Kummissjoni Ewropea \(2023\), In-nuqqas ta' persunal fis-settur tal-ECEC, Nota ta' politika](#)

lingwistiċi, diskriminazzjoni u aċċess dgħajjef jew l-ebda aċċess għas-servizzi ta' appoġġ iwasslu għal sfidi għall-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

It-titjib tar-rati tal-attività, għalhekk, jeħtieġ firxa wiesgħa ta' politiki mfassla apposta għal kull grupp sottorappreżentat li jindirizza l-kawżi ewlenin speċifiċi.

Dawn jinkludu miżuri biex jittejbu l-appoġġ u l-inċentivi għax-xogħol, pereżempju riformi

Il-Polonja ppjanat li toħloq aktar minn 100 000 post addizzjonali għid għall-indukrar tat-tfal għal tfal ta' taħt l-età ta' tliet snin, billi għaqdet l-appoġġ mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility) u l-FSE+.

Eżempju ta' attivazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' gruppi sottorappreżentati ffinanzjati mill-RRF huwa l-programm **Taljan** dwar l-*Impjegabbiltà Garantita tal-Ħaddiema (GOL)*. Huwa mistenni li jappoġġa 3 000 000 benefiċjarju, b'enfasi fuq in-nisa, il-qiegħda fit-tul, il-persuni b'diżabbiltà jew il-persuni ta' taħt it-30 sena jew ta' aktar minn

ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol, riformi tat-taxxa li jnaqqsu l-porzjon tat-taxxa ⁽¹⁴⁾ għat-tieni persuna bil-paga u għal ħaddiema b'paga baxxa ⁽¹⁵⁾, riformi tal-benefiċċji li jżidu l-inċentivi għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, jew riformi tas-sistemi tal-pensjonijiet ⁽¹⁶⁾. Il-politiki ta' attivazzjoni jenħtieġ li jiġu kkomplementati minn miżuri abilitanti li jipprovdu aċċess effettiv għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal u servizzi tal-kura fit-tul ta' kwalità u affordabbli.

Diversi inizjattivi tal-UE diġà ġew adottati u qed jiġu implimentati. L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri ⁽¹⁷⁾ tinkludi miżuri biex tappoġġa ż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, li jimmiraw lejn oqsma bħat-tnaqqis tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, il-promozzjoni tal-użu ugwali tal-liv tal-familja u l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli,

kif ukoll edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal u servizzi ta' kura fit-tul ta' kwalità, u l-ġlieda kontra l-istereotipi marbuta mal-ġeneru; il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ ⁽¹⁸⁾ u l-inizjattiva ALMA ⁽¹⁹⁾ jimmiraw il-qgħad fost iż-żgħażaġh; il-Pakkett dwar l-Impjiegi tal-Persuni b'Diżabbiltà ⁽²⁰⁾ jiffoka fuq l-appoġġ għal eżiti aħjar tas-suq tax-xogħol għall-persuni b'diżabbiltà; u l-pjan ta' azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021–2027 ⁽²¹⁾ għandu l-għan li jtejjeb il-prospetti ta' impjiegi għal persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-inizjattivi li għaddejjin bħalissa tinsab fl-Anness.

L-impjiegi u l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol huma wkoll aspekk ewleni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri u tal-programmi tal-Fond Soċjali

⁽¹⁴⁾ Il-porzjon tat-taxxa jindika l-piż tat-taxxa u tal-kontribuzzjoni li jġarrbu l-impjegaturi u l-impjegati.

⁽¹⁵⁾ Il-Kummissjoni Ewropea (2023), Annual Report on Taxation 2023.

⁽¹⁶⁾ Is-Semestru Ewropew 2023: Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi/Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiki u Finanzjarji, 24 ta' Mejju 2023.

⁽¹⁷⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni: Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020–2025 COM/2020/152 final, li hija parti [mill-istrateġiji tal-Unjoni ta' Ugwaljanza](#).

⁽¹⁸⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ (2020/C 372/01) (ĠU C 372, 4.11. 2020, p. 1-9).

⁽¹⁹⁾ Ara: ALMA:inizjattiva ta' inklużjoni attiva għaż-żgħażaġh - Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni - il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

⁽²⁰⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà 2021–2030, COM/2021/101.

⁽²¹⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021–2027, COM/2020/758.

Ewropew Plus (FSE+). Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri jippromwovu dħul aktar mgħaġġel taż-żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol, bħala parti mill-impenji tagħhom biex jimplimentaw il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa. Barra minn hekk, biex jippermettu attivazzjoni akbar tan-nisa, ħafna Stati Membri jipplanaw investment sinifikanti fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u diversi Stati Membri qed jappoġġaw ukoll l-attivazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Barra minn hekk, diversi Stati Membri qed isaħħu l-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u jirrifirmaw l-implimentazzjoni ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku ⁽²²⁾.

Filwaqt li l-mira ewlenija tal-UE li sal-2030 mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol tkun impjegata tista' tintlaħaq, huma meħtieġa aktar passi fil-livelli kollha biex jiġu attivati l-gruppi sottorappreżentati, u, jekk possibbli, saħansitra tinqabeż il-mira.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se:

- Tiffinanzja l-proġetti taħt il-fergħa tal-innovazzjoni soċjali tal-FSE+ fuq **żero qgħad fit-tul** ⁽²³⁾ u tivvaluta l-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet ta' dawn il-proġetti bil-ħsieb li xxerred l-aħjar Prattiki madwar l-UE.
- Tiffinanzja l-proġetti taħt il-fergħa tal-innovazzjoni soċjali tal-FSE+ dwar **l-attivazzjoni u t-titjib tal-ħiliet** taż-żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, l-impjeg jew it-taħriġ (NEETs).
- Tiffinanzja l-proġetti taħt il-faċilità tematika tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) biex trawwem **inizjattivi ta' diversi partijiet ikkonċernati għall-integrazzjoni tal-immigranti** fis-suq tax-xogħol.
- Tistudja **l-kawżi ta' xogħol part-time involontarju** biex tifhem aħjar l-ostakli li jipprevjenu lill-ħaddiema part-time involontarji, speċjalment in-nisa, milli jaħdmu full-time, u tesplora l-possibbiltà għal azzjoni tal-UE.
- **Tanalizza l-politiki nazzjonali dwar il-liv minħabba mard**, u tistudja l-impatti tagħhom fuq is-saħħa u l-produttività tal-ħaddiema, biex tidentifika l-aħjar Prattiki għall-ħaddiema u n-negozji, inkluż għall-promozzjoni ta' ritorn gradwali għall-attività wara liv minħabba mard itwal.
- Tevalwa **l-impatt tar-riformi tal-pensjonijiet** li jintroduċu aktar **opportunitajiet għal irtirar flessibbli** u għall-kombinazzjoni tal-introjt mill-pensjoni ma' salarju, bil-ħsieb li titħeġġeġ parteċipazzjoni akbar fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema akbar fl-età li jrawmu tixjiħ aktar attiv u f'saħħtu.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri:

- **Jimplimentaw bis-sħiħ l-inizjattivi tal-UE** mmirati lejn l-attivazzjoni tal-gruppi sottorappreżentati, b'mod partikolari l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ Imsaħħa, ir-

⁽²²⁾ L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI, Technical Support Instrument) huwa strument li jibqa' disponibbli fuq talba mill-Istati Membri. Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1–16).

⁽²³⁾ Il-Proġetti ta' Żero Qgħad fit-Tul jiġġieldu l-qgħad fit-tul billi jimplimentaw strateġiji mmirati inkluż il-ħolqien tal-impjiegi, il-garanzija tal-impjiegi u n-networks ta' appoġġ komunitarju biex jiġu żgurati opportunitajiet ta' impjeg sostenibbli għall-individwi kollha, speċjalment l-anzjani, fi ħdan il-komunità jew ir-reġjun fil-mira.

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ⁽²⁴⁾, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol, l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (2021–2030) ⁽²⁵⁾, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva ⁽²⁶⁾, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni, u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom ⁽²⁷⁾.

- Jiżguraw **koordinazzjoni aħjar bejn il-ministeri u s-servizzi pubbliċi tal-impjieg**, inkluż għbir imtejjeb tad-*data*, immirar aħjar, u miżuri preventivi biex itejbu l-effettività tal-politiki ta' attivazzjoni.
- **Isegwu riformi tat-taxxa** li jnaqqsu l-porzjon tat-taxxa għat-tieni persuna bil-paga u għall-ħaddiema b'paga baxxa u, b'mod aktar ġenerali, jittrasferixxu t-taxxi lil hinn mix-xogħol u lejn sorsi oħra ta' dħul.
- **Isegwu riformi tal-benefiċċji** li jindirizzaw żoni ta' inattività u jipprovdu appoġġ suffiċjenti għal dawk li jistgħu jaħdmu biex jirritornaw fis-suq tax-xogħol bilmod.

Il-Kummissjoni tilqa' l-intenzjoni tas-sħab soċjali li:

- Jiżguraw li **l-postijiet tax-xogħol ikunu tolleranti, akkoljenti u aċċessibbli għall-persuni kollha**, irrISPettivament mill-ġeneru, l-età, in-nazzjonalità, u ċirkostanzi personali oħra ⁽²⁸⁾.
- **Jippromwovu n-negozjar kollettiv** biex jinstabu soluzzjonijiet adattati għall-promozzjoni **tal-impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età** ⁽²⁹⁾.
- Isaħħu **l-kollaborazzjoni tas-servizzi għall-impjieg privati mas-servizzi pubbliċi tal-impjieg** biex jittejjeb it-tqabbil tal-impjieg madwar l-UE ⁽³⁰⁾.
- Jippromwovu **l-intraprenditorija** ⁽³¹⁾, billi jrawmu l-ħiliet ⁽³²⁾ u jappoġġaw intraprendituri futuri fil-ħolqien tan-negozju, b'mod partikolari, billi jinkoraġġixxu lin-nisa u lill-persuni bi sfond ta' migrazzjoni jsiru intraprendituri ⁽³³⁾.

⁽²⁴⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030 (2022/C 484/01). Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019 dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u Kura Bikrija ta' Kwalità Għolja tat-Tfal (2019/C 189/02).

⁽²⁵⁾ Il-Komunikazzjoni dwar Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030 (COM/2021/101).

⁽²⁶⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2023 dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva (2023/C 41/01).

⁽²⁷⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2021 dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom (2021/C 93/01).

⁽²⁸⁾ Il-Konfederazzjoni Ewropea tal-Industriji tal-Injam (CEI-Bois), il-Lukandi, ir-Ristoranti u l-Kafetteriji fl-Ewropa (HOTREC), il-Kumitat Ewropew tat-Trade Unions għall-Edukazzjoni (ETUCE), il-Federazzjoni Ewropea tal-Impjegaturi tal-Edukazzjoni (EFEE).

⁽²⁹⁾ SMEunited.

⁽³⁰⁾ The World Employment Confederation-Europe (WEC).

⁽³¹⁾ The European Chemical Employers Group (ECEG).

⁽³²⁾ HOTREC.

⁽³³⁾ SMEunited.

- **Jattivaw il-gruppi sottorappreżentati** billi jappoġġaw d-diversità, l-ugwaljanza, l-inklużjoni u n-nondiskriminazzjoni ⁽³⁴⁾.
- Fil-livell settorjali, jimplimentaw u jippromwovu aktar il-Ftehim Awtonomu dwar ***In-Nisa fis-Settur Ferrovarju***, biex tiġi indirizzata d-disparità bejn il-ġeneri fil-forza tax-xogħol ferrovarja ⁽³⁵⁾.

3.2. L-għoti ta' appoġġ għall-ħiliet, it-taħriġ u l-edukazzjoni

In-nuqqas ta' ħiliet huwa rrapportat minn kumpaniji ta' kull daqs u f'kull settur fl-ekonomija tal-UE, bi sfidi partikolari għall-SMEs. Bi tweġiba għal stħarriġ tal-Eurofound ⁽³⁶⁾, ħafna kumpaniji tal-UE indikaw li mill-inqas 60 % tal-impjegati l-ġodda tagħhom ma kellhomx il-ħiliet meħtieġa. Barra minn hekk, f'Ewrobarometru reċenti ⁽³⁷⁾, kważi erbgħa minn kull ħames SMEs iddikjaraw li huwa diffiċli għalihom li jsibu ħaddiema bil-ħiliet it-tajba, u aktar minn nofshom sabuha diffiċli li jżommu ħaddiema b'ħiliet.

In-nuqqas ta' ħiliet huwa mistenni jżidied bit-tkabbir fl-impjegi u b'rekwiżiti ġodda ta' kompiti kkawżati mit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, kif ukoll f'oqsma fejn l-UE teħtieġ li tibni r-reżiljenza u tiżgura l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha. Sal-2030, huma mistennija li jinħolqu 3,5 miljun ⁽³⁸⁾ impjieg ġdid fis-setturi tal-enerġija rinnovabbli ⁽³⁹⁾. It-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari se taffettwa wkoll is-swieq tax-xogħol fis-setturi kollha ⁽⁴⁰⁾ u l-iżvilupp tal-ħiliet huwa kruċjali biex jiġu appoġġati s-setturi kollha tal-ekonomija blu. In-nuqqas ta' ħiliet f'dawn l-oqsma jista' jrażżan it-tkabbir tas-settur tat-teknoloġija tal-enerġija nadifa ⁽⁴¹⁾. Fil-qasam diġitali, l-użu akbar ta' teknoloġiji avvanzati bħall-intelliġenza artifiċjali (IA) u l-big data, flimkien ma' riskji taċ-ċibersigurtà li qed jżidiedu, se jżid il-ħtiġijiet ta' titjib tal-ħiliet ⁽⁴²⁾. Bħalissa diġà, madwar 63 % tal-kumpaniji tal-UE li qed jippruvaw jimpjegaw speċjalisti tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) jesperjenzaw diffikultajiet biex jimlew dawk

⁽³⁴⁾ Il-Confederation of European Security Services (CoESS) u l-Union Network International (UNI) Europa, kif iddikjarat fid-Dikjarazzjoni Konġunta tagħhom dwar "Id-Diversità, l-Ugwaljanza, l-Inklużjoni u n-Nondiskriminazzjoni."

⁽³⁵⁾ Il-Community of European Railway and Infrastructure Companies (CER) u l-European Transport Workers' Federation (ETF).

⁽³⁶⁾ European Company Survey tal-Eurofound 2019.

⁽³⁷⁾ Flash Eurobarometer FL529 (2023): European Year of Skills - Skills shortages, recruitment and retention strategies in small and medium-sized enterprises.

⁽³⁸⁾ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Il-progress dwar il-kompetittività tat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa (COM/2023/652 final).

⁽³⁹⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Pjan REPowerEU (COM (2022) 230 final).

⁽⁴⁰⁾ Impacts of circular economy policies on the labour market - l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE.

⁽⁴¹⁾ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Il-progress dwar il-kompetittività tat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa (COM/2023/652 final).

⁽⁴²⁾ L-investiment f'dawn il-ħiliet huwa promoss mill-proposta tal-Kummissjoni għal Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, il-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Inxejnu d-distakk tat-talent fiċ-ċibersigurtà biex nixprunaw il-kompetittività, it-tkabbir u r-reżiljenza tal-UE, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-titjib tal-forniment tal-ħiliet diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ, il-programm Ewropa Diġitali, il-pakkett tal-innovazzjoni tal-IA u minn xi wħud mill-proġetti taċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali.

il-postijiet vakanti ⁽⁴³⁾ u d-domanda għalihom hija mistennija tkun aktar mid-doppju sal-2030 ⁽⁴⁴⁾. L-industrija tad-difiża, li hija kruċjali għas-sigurtà u l-prosperità fit-tal-UE, hija affettwata wkoll min-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, li jistgħu jiżdiedu fil-futur, minħabba nuqqas ta' investiment fi programmi ġodda ta' difiża u l-ħtieġa li jiġu attirati aktar talenti żgħażaġh ⁽⁴⁵⁾.

Is-sehem li dejjem jikber ta' żgħażaġh b'livelli baxxi ħafna ta' ħiliet bażiċi jenfasizza r-riskju ta' nuqqas ta' ħiliet fil-futur. Stħarriġiet internazzjonali fuq skala kbira, inkluż il-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudjanti (PISA), jipprovdi indikazzjonijiet qawwija li dejjem aktar, iż-żgħażaġh mhux qed ikollhom il-ħiliet bażiċi fil-litteriżmu, il-matematika u x-xjenza. Fl-istess ħin, is-sehem ta' żgħażaġh bi prestazzjoni għolja qed jonqos ⁽⁴⁶⁾. Il-persuni b'livell baxx ħafna ta' ħiliet bażiċi se jiffaċċjaw sfidi kbar meta jidħlu fis-suq tax-xogħol, minħabba l-impjegabbiltà limitata tagħhom. It-titjib tal-prestazzjoni tas-sistemi edukattivi jgħin biex jiġi evitat li jinħoloq nuqqas ta' ħiliet fil-futur. L-indirizzar tan-nuqqas li dejjem jikber ta' għalliema kwalifikati se jkun kruċjali, anke biex nippreservaw il-ħiliet bażiċi u l-eżiti edukattivi.

Taħt iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni ⁽⁴⁷⁾, l-UE tippromwovi l-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva, li toffri opportunitajiet indaqs minn età bikrija, f'konformità mal-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. In-nefqa fl-edukazzjoni hija assoċjata ma' rati għoljin ta' ritorn, b'mod partikolari meta magħquda ma' riformi li jagħmlu s-sistemi tal-edukazzjoni aktar rapidi u risponsivi għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol ⁽⁴⁸⁾. L-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali għandhom jipprovdu l-ħiliet meħtieġa għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel fost il-bidla teknoloġika u l-awtomatizzazzjoni – inkluż il-kompetenzi diġitali, intraprenditorjali, soċjali, ekoloġiċi u ċiviċi. It-tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn l-edukazzjoni sekondarja għolja u terzjarja u t-taħriġ, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u l-atturi tas-suq tax-xogħol iżid ir-rilevanza tal-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol.

Matul il-karrieri professjonali, it-taħriġ kontinwu għall-forza tax-xogħol huwa kruċjali biex jiġi indirizzati l-ħtiġijiet tal-ħiliet li qed jevolvu. Għal dan il-għan, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jieħdu azzjonijiet biex jiksibu l-mira ewlenija dwar it-tagħlim

⁽⁴³⁾ Stħarriġ tal-UE dwar l-użu tal-ICT u l-kummerċ elettroniku fl-intrapriżi.

⁽⁴⁴⁾ Il-Kummissjoni Ewropea (2023), Employment and Social Developments in Europe, Annual Review 2023.

⁽⁴⁵⁾ Joint Communication from the Commission to the European Parliament, the European Council, the Council, the European Economic and Social Committee and the Committee of the Regions on a new European Defence Industrial Strategy (JOIN(2024) 10 final).

⁽⁴⁶⁾ Skont l-aktar *data* riċenti tal-PISA, is-sehem taż-żgħażaġh (ta' 15-il sena) li għandhom livell baxx ħafna ta' dawn il-ħiliet bażiċi żdied fil-matematika minn 22,9 % fl-2018 għal 29,5 % fl-2022 (<https://www.oecd.org/publication/pisa-2022-results/>).

⁽⁴⁷⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni" (COM(2020) 625 final) u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2021 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021–2030), 2021/C 66/01.

⁽⁴⁸⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Isport u l-Kultura, in-Network Ewropew ta' Esperti dwar l-Ekonomija tal-Edukazzjoni, Algan, Y., Brunello, G., Goreichy, E., Hristova, A., (2021), Boosting social and economic resilience in Europe by investing in education. Ir-Rapport Analitiku Nru. 42 tal-EENEE (European Expert Network on Economics of Education), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

għall-adulti tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ⁽⁴⁹⁾, li taħtu mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jipparteċipaw f'taħriġ kull sena sal-2030.

Diversi inizjattivi tal-UE diġà jgħinu biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet, iżda l-implimentazzjoni tagħhom, inkluż b'approċċ settorjali, jeħtieġ li tissaħħaħ. L-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa ⁽⁵⁰⁾ hija l-qafas strateġiku tal-UE biex tiġi indirizzata l-ħtieġa għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid. Hija nediet 12-il azzjoni biex tavvanza t-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika, tippromwovi rkupru ġust, tiżgura l-kompetittività u ssaħħaħ ir-reżiljenza. Dawn huma diġà kollha fis-seħħ, inkluż l-inizjattivi dwar il-kontinwazzjoni individwali tal-apprendiment ⁽⁵¹⁾, dwar il-mikrokredenzjali ⁽⁵²⁾, dwar il-perkorsi ta' titjib tal-ħiliet għal adulti b'livell baxx ta' kwalifiki ⁽⁵³⁾, u dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ⁽⁵⁴⁾. Il-Komunikazzjoni dwar "L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa" ⁽⁵⁵⁾ tippromwovi qafas ta' politika mmirat biex jagħmel ir-reġjuni kollha attraenti inkluż permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid. Għalhekk tindirizza l-fenomeni ta' sfida tal-"eżodu ta' mħuħ" li jaffettwa xi wħud mir-reġjuni tal-Ewropa. Jenħtieġ li issa l-enfasi tkun fuq l-implimentazzjoni tiegħu, biex jiġi żgurat li jkun jistgħu jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet eżistenti. Fil-Patt għall-Ħiliet, ġew stabbiliti 20 sħubija settorjali bil-wegħda li jittejjbu l-ħiliet ta' aktar minn 10 miljun persuna. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-impenji eżistenti jitwettqu b'mod effettiv, inkluż permezz tal-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji suffiċjenti għal dawn il-programmi, filwaqt li jkompli jitravwem aktar involviment. Ġew stabbiliti diversi Akkademji tal-Ħiliet tal-UE biex jindirizzaw nuqqas speċifiku ta' ħiliet f'setturi ewlenin. L-Akkademja tal-Alleanza Ewropea tal-Batteriji ⁽⁵⁶⁾, iffinanzjata inizjalment mill-FSE+, diġà pprovdiet taħriġ direttament lil madwar 50 000 ħaddiem, b'aktar minn 100 000 jibbenefikaw indirettament. Akkademji tal-ħiliet addizzjonali, bħal dik għall-ħiliet ċibernetiċi, l-Akkademja tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida għas-settur tal-kostruzzjoni u dawk stabbiliti bħala riżultat tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti ⁽⁵⁷⁾, se jappoġġaw sforzi ta' taħriġ fuq skala kbira biex jappoġġaw it-tranżizzjoni doppja speċjalment f'oqsma relatati, fost l-oħrajn, mal-idroġenu, l-enerġija solari, il-

⁽⁴⁹⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (COM(2021) 102).

⁽⁵⁰⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2020, Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (COM(2020)0274).

⁽⁵¹⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontinwazzjoni individwali tal-apprendiment (2022/C 243/03).

⁽⁵²⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà (2022/C 243/02).

⁽⁵³⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar Perkorsi ta' titjib tal-ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti (2016/C 484/01).

⁽⁵⁴⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (2020/C 417/01).

⁽⁵⁵⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa (COM/2023/32 final).

⁽⁵⁶⁾ L-Alleanza Ewropea tal-Batteriji (EBA, European Battery Alliance) tnediet f'Ottubru 2017 mill-Kummissjoni Ewropea bil-għan li l-UE ssir il-mexxej globali fit-teknoloġija sostenibbli tal-batteriji. L-Alleanza, ikkoordinata mill-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) tinkludi 700 membru industrijali. L-Akkademja tal-Alleanza Ewropea tal-Batteriji nħolqot taħt il-qafas tal-EBA biex tindirizza n-nuqqas ta' ħiliet fil-katina tal-valur Ewropea tal-batteriji u hija mistennija tħarreġ 800 000 ħaddiem sal-2025. L-EIT se jimmaniġġja wkoll l-Akkademja Ewropea tal-PV Solari, li ser titnieda fl-2024. Il-kampus tal-EIT jikkonsolida l-portafoll tal-inizjattivi tal-edukazzjoni u t-taħriġ f'punt uniku ta' servizz, li joffri perkorsi ta' taħrim flessibbli għat-titjib tal-ħiliet lill-istudenti u l-kumpaniji.

⁽⁵⁷⁾ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) (COM/2023/161 final)

materja prima u r-riħ. Is-sena Ewropea tal-Ħiliet li għaddejja bħalissa qed tenfasizza kif dawn l-azzjonijiet kollha jistgħu jikkontribwixxu biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet.

Il-miżuri ta' titjib tal-ħiliet iffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u mill-FSE+ fil-**Greċja** se jippromwovu, fost affarijiet oħra, il-ħiliet diġitali u ekoloġiċi għal aktar minn nofs miljun benefiċjarju. L-investiment kien preċedut minn riforma tas-sistema ta' tagħlim tul il-ħajja, biex tiġi żgurata r-rilevanza tas-suq tax-xogħol tat-taħriġ offrut.

Fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħha, il-**Latvja** nediet kontijiet individwali tal-apprendiment li diġà qed jappoġġaw 3 500 adult.

Il-Portugall appoġġa mill-inqas 100 000 adult biex jgħollu l-livelli ta'

It-titjib tal-ġbir tad-data dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet huwa vitali għal politiki aħjar. Is-sorsi ewlenin tad-data dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fil-livell tal-UE huma l-istatistika tal-Eurostat dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti u s-sorsi bbażati fuq l-istħarriġ, bħall-istħarriġiet tal-UE dwar in-Negozju u l-Konsumaturi, l-istħarriġiet tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES), l-istħarriġiet dwar in-nuqqas ta' ħiliet u t-tbassir mis-Cedefop u sorsi ġodda tad-data, bħaċ-Ċentru tal-Intelligence tal-Web tal-Eurostat ⁽⁵⁸⁾. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi biex ikun hemm involviment f'azzjoni konċertata biex jittejbu d-disponibbiltà u l-kopertura tad-data, inkluż dwar it-tibdil demografiku.

Il-politiki u l-investimenti tal-Istati Membri biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet jibbenefikaw minn appoġġ sostanzjali

mill-baġit tal-UE (EUR 65 biljun). Il-FSE+, b'mod partikolari jappoġġa l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-apprendistati, it-tagħlim tul il-ħajja u t-tranżizzjonijiet tal-karriera. L-RRF tappoġġa r-riformi u l-investimenti tal-Istati Membri fil-qasam tal-edukazzjoni u l-ħiliet f'sens wiesa', pereżempju permezz ta' riformi biex jittejbu l-informazzjoni dwar il-ħiliet, l-iżvilupp u l-governanza, inkluż ir-rikonossiment tal-kwalifiki. Barra minn hekk, l-appoġġ tekniku huwa disponibbli għar-riformi nazzjonali biex jittejbu l-kwalità u l-finanzjament tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-adulti.

Minkejja d-diversi inizzjattivi mill-UE, l-Istati Membri u s-sħab soċjali, l-implimentazzjoni jeħtieġ li tiżdied u l-potenzjal tal-finanzjament tal-UE jiġi ingranat aħjar sabiex tintlaħaq il-mira tal-UE li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jipparteċipaw fit-taħriġ kull sena sal-2030 u biex il-Prinċipju 1 tal-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja jsir realtà.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se:

- **Tippromwovi t-twaqqif u l-implimentazzjoni ta' sħubijiet tal-ħiliet settorjali u reġjonali ġodda** skont il-Patt għall-Ħiliet ⁽⁵⁹⁾ u tappoġġa t-tnedija u tagħti spinta lill-ħidma **tal-Akkademji tal-Ħiliet** kollha f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u ħiliet ċibernetiċi, inkluż permezz **tal-Alleanzi tal-Pjan ta' Azzjoni**. Il-Kummissjoni se ttipprovdi wkoll servizzi ta' appoġġ lill-membri tal-Patt, b'informazzjoni dwar il-finanzjament disponibbli għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid.

⁽⁵⁸⁾ [L-istatistika dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti](#) tal-Eurostat, [iċ-Ċentru tal-Intelligence tal-Web uskills-OVATE](#).

⁽⁵⁹⁾ F'dan il-kuntest, l-Istati Membri huma mistiedna jniedu patti agroalimentari nazzjonali jew reġjonali għall-ħiliet biex jippromwovu l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid fil-livell tal-UE żviluppati mis-sħubija fuq skala kbira, biex jimmiraw bl-aħjar mod l-għodod u jadattawhom għall-ispeċifitajiet lokali tas-settur agrikolu.

- Tikkofinanzja **aktar Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali** ⁽⁶⁰⁾, b'mira ta' mill-inqas 100 proġett sal-2027, biex tappoġġa l-istrategġiji ta' żvilupp, innovazzjoni u speċjalizzazzjoni intelliġenti Ewropej u reġjonali.
- Taħdem flimkien mal-Istati Membri u s-sħab soċjali biex fl-2025 tadotta **dikjarazzjoni ġdida dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET)** fil-kuntest tal-Proċess ta' Copenhagen ⁽⁶¹⁾, biex tallinja aktar l-azzjonijiet ta' politika u r-riformi fil-VET ma' żviluppi ġodda fis-suq tax-xogħol u l-impatt tal-iżvilupp teknoloġiku bħall-intelliġenza artifiċjali.
- **Ittejjeb l-informazzjoni dwar il-ħiliet u l-ġbir tad-data** f'koordinazzjoni mill-qrib mal-aġenziji tal-UE (l-Eurofound, l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol u s-Cedefop), biex twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-informazzjoni armonizzata u komparabbli disponibbli dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fil-livell tal-UE.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri:

- **Jimplimentaw l-inizjattivi tal-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa** bis-sħiħ bl-involviment tas-sħab soċjali u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, filwaqt li jinsistu għal approċċ settorjali li jindirizza l-aktar nuqqasijiet urġenti tal-UE. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jwaqqfu skemi biex jipprovdu lill-adulti kontinwament tal-apprendiment, jappoġġaw l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u r-rikonossiment tal-mikrokredenzjali, iwettqu l-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali b'segwitu għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, jindirizzaw il-lakuni enfasizzati mir-rapport ta' evalwazzjoni ⁽⁶²⁾ dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet, u jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali.
- Jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' **sħubijiet tal-ħiliet** skont il-Patt għall-Ħiliet u l-introduzzjoni **tal-Akkademji tal-Ħiliet** fl-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, inkluż billi jagħmlu disponibbli biżżejjed finanzjament.
- Jiżviluppaw u jimplimentaw **strategġiji tal-ħiliet nazzjonali** komprensivi u mfassla apposta li jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż is-sħab soċjali, imfassla għaċ-ċirkostanzi nazzjonali.
- **Jiżviluppaw analiżi tas-suq tax-xogħol**, informazzjoni dwar il-ħiliet u tbassir u jużaw l-għarfien li jipprovdu biex jirrevedu l-kurrikuli tat-taħriġ, b'enfasi fuq setturi b'nuqqas ta' ħiliet.
- **Jadattaw il-kurrikuli** fl-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali biex isaħħu l-ħiliet u l-kompetenzi li jagħtu s-setgħa lill-istudenti biex **jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol**, b'appoġġ mill-Kummissjoni fl-iffaċilitar tal-iskambju u t-tixrid ta'

⁽⁶⁰⁾ Iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali (CoVEs, Centres of Vocational Excellence) huma ffurmati minn networks ta' sħab li jiżviluppaw "ekosistemi tal-ħiliet" lokali biex jipprovdu ħiliet vokazzjonali ta' kwalità għolja liż-żgħażaġh u lill-adulti, u jikkontribwixxu għall-iżvilupp, l-innovazzjoni, ir-raggruppamenti industrijali, l-istrategġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u l-inklużjoni soċjali reġjonali.

⁽⁶¹⁾ Id-Dikjarazzjoni ta' Copenhagen tal-2002 nediet l-istrategġija Ewropea għal kooperazzjoni msaħħa fil-VET, komunement imsejja il-"Proċess ta' Copenhagen". Il-Proċess ta' Copenhagen jipprovdi pjattaforma tripartitika biex tiġi intensifikata, ikkomplementata u operazzjonalizzata l-politika tal-VET tal-UE permezz ta' sensiela ta' dikjarazzjonijiet. Dik attwali, id-Dikjarazzjoni ta' Osnabrück, tiskadi fl-aħħar tal-2025.

⁽⁶²⁾ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill: Evalwazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar Perkorsi ta' titjib tal-ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti, (COM(2023) 439).

prattiki tajba, il-monitoraġġ tal-gradwati u, bi qbil mal-Istati Membri, il-monitoraġġ tar-riformi nazzjonali ⁽⁶³⁾.

Il-Kummissjoni tilqa' l-intenzjoni tas-sħab soċjali li:

- **Jiżviluppaw u jimplimentaw azzjonijiet biex jippromwovu t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid fil-kuntest tad-djalogu soċjali** ⁽⁶⁴⁾, jappoġġaw ir-rikonoxximent tal-ħiliet, u jgħinu fl-identifikazzjoni tal-ħiliet neqsin ⁽⁶⁵⁾ billi jiddependu mill-informazzjoni u l-informazzjoni dwar il-ħiliet tagħhom.
- Jikkontribwixxu lejn **l-aġġornament tal-kurrikuli u l-kwalifiki tal-VET** u l-allinjament tal-ġhoti tat-taħriġ mal-ħtiġijiet tal-ħiliet tas-suq tax-xogħol, bl-għajnuna ta' informazzjoni dwar il-ħiliet u informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħhom ⁽⁶⁶⁾.
- Jappoġġaw **l-apprendistati** ⁽⁶⁷⁾, is-sħubijiet bejn il-fornituri tal-VET u l-impjegaturi ⁽⁶⁸⁾, **isaħħu l-oqfsa tal-VET** permezz tal-istabbiliment ta' ċentri ta' taħriġ settorjali ⁽⁶⁹⁾, jappoġġaw l-ikkowċjar, il-mentoraġġ, it-tagħlim bejn il-pari u l-ħiliet intraprenditorjali ⁽⁷⁰⁾ u jrawmu l-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi u diġitali li jibqgħu validi fil-futur⁷¹.
- Fil-livell settorjali, jikkollaboraw aktar fuq il-mikrokredenzjali u **jħarrġu lill-ħaddiema tas-servizzi tal-kura fit-tul** dwar l-ġhoti ta' kura aktar iċċentrata fuq il-persuna u dwar il-ħiliet meħtieġa biex jiġu diġitalizzati s-servizzi li jiddependu mill-proġett "Care4Skills" ⁽⁷²⁾.
- Iressqu **dikjarazzjoni konġunta** biex **jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet u ħaddiema** u biex jużaw in-Network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi bħala forum għad-djalogu, it-tagħlim reċiproku u l-valutazzjoni komparattiva tal-politiki biex jiġu indirizzati l-ispariġġi fil-ħiliet u fis-suq tax-xogħol sa tmiem l-ewwel kwart tal-2024 ⁽⁷³⁾.
- Jużaw id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet u forza tax-xogħol fis-settur tal-ospitalità, billi jinnegozjaw il-kundizzjonijiet tal-impjeg, jippromwovu l-edukazzjoni u t-taħriġ u jipprovdu qafas protettiv għall-mobbiltà tal-ħaddiema migranti minn pajjiżi terzi ⁽⁷⁴⁾.

⁽⁶³⁾ Pereżempju fil-kuntest tal-Laboratorju għall-Apprendiment.

⁽⁶⁴⁾ Ir-rappreżentanza tal-Bejgħ bl-Imnut u bl-Ingrossa u tal-Kummerċ Internazzjonali għall-UE (EuroCommerce), il-Kunsill tal-Impjegaturi Ewropej tal-Industriji bbażati fuq il-Metall, l-Inġinerija u t-Teknoloġija (CEEMET).

⁽⁶⁵⁾ HOTREC.

⁽⁶⁶⁾ ECEG.

⁽⁶⁷⁾ HOTREC.

⁽⁶⁸⁾ SMEunited, CEI-Bois.

⁽⁶⁹⁾ CoESS.

⁽⁷⁰⁾ HOTREC, SMEunited.

⁽⁷¹⁾ SGI Europe, ECEG, l-Unjoni tan-Navigazzjoni Interna u l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Kaptani, l-ETF fit-Trasport Marittimu u tal-Passaġġi fuq il-Ilma Interni.

⁽⁷²⁾ Proġett inkluż fil-Patt għall-Ħiliet. Impenn konġunt mill-Federazzjoni tal-Impjegaturi Soċjali Ewropej (FESE, Federation of European Social Employers) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Unions tas-Servizzi Pubbliċi (EPSU).

⁽⁷³⁾ UNI-Europa u WEC.

⁽⁷⁴⁾ HOTREC u l-Federazzjoni Ewropea tat-Trade Unions tal-Ikel, l-Agricoltura u t-Turiżmu (EFFAT, European Federation of Food, Agriculture, and Tourism Trade Unions).

- **Ikomplu jingranaw l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE** biex jappoġġaw l-attivitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid ⁽⁷⁵⁾.

3.3. It-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol

Il-promozzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti tista' tgħin biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema f'ċerti setturi jew okkupazzjonijiet. Dan huwa partikolarment minnu f'xi okkupazzjonijiet li jeħtieġu aktar ħiliet manwali u livelli aktar baxxi ta' edukazzjoni, jew dawk b'perikli oġġla għas-saħħa u s-sikurezza, li huma kkaratterizzati minn pressjoni għolja fuq ix-xogħol ⁽⁷⁶⁾ u/jew pagi baxxi ⁽⁷⁷⁾.


Pagi adegwati, inkluż pagi minimi, jistgħu jgħinu biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħaddiema f'ċerti setturi, filwaqt li jitqiesu wkoll il-kostijiet tal-ġhajxien u l-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda għax-xogħol madwar postijiet ġeografiċi differenti. **Is-saħħa u s-sikurezza** fuq il-post tax-xogħol, postijiet tax-xogħol adattati, l-ġħoti ta' **opportunitajiet ta' taħriġ u żvilupp tal-karriera**, l-aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata, bilanċ adegwat bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, inkluż **id-dritt għall-iskonnessjoni** u l-adozzjoni ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli, kollha għandhom rwol fit-titjib tal-kwalità tal-impjiegi, u, b'hekk, jistgħu jgħinu biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħaddiema. It-tnaqqis **fil-pressjoni fuq ix-xogħol** jista' jikkontribwixxi wkoll biex jattira u jżomm il-ħaddiema f'xi setturi (Figura 2).

Illustrazzjoni 2 - Il-pressjoni fuq ix-xogħol kienet l-oġġla għall-ħaddiema tas-saħħa, dawk li jaħdmu fil-kura residenzjali u fit-trasport
Indiċi tal-kwalità tal-impjiegi (%), skont is-sotto-settur, EU-27

⁽⁷⁵⁾ ECEG, impenn konġunt tal-FESE u l-EPSU.

⁽⁷⁶⁾ Il-pressjoni fuq ix-xogħol hija forma ta' stress psikosoċjali li jseħħ fuq il-post tax-xogħol, meta l-ħaddiema jkollhom aktar ħtiġijiet milli riżorsi (ara l-indiċi tal-pressjoni tax-xogħol tal-OECD).

⁽⁷⁷⁾ Il-Kummissjoni Ewropea (2023), Employment and Social Developments in Europe, Rieżami Annwali 2023 u l-European Working Conditions Survey 2021 tal-Eurofound. Aktar minn 40 % tal-persuni li jnaddfu, il-koki u l-indoktraturi, u aktar minn 30 % tal-ħaddiema tal-kostruzzjoni u tax-xufiera jirrapportaw diffikultajiet kbar biex ilaħħqu mal-ħajja. Kważi nofs il-ħaddiema fil-kura tas-saħħa, il-kura residenzjali u t-trasport jirrapportaw livelli għoljin ta' pressjoni fuq ix-xogħol.



Sors: Employment and Social Developments in Europe 2023, il-Kummissjoni Ewropea (2023) abbażi tal-European Working Conditions Telephone Survey tal-2021 tal-Eurofound¹.

L-impatt tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fuq in-nuqqas ta' ħaddiema jvarja skont is-settur u l-post, u b'hekk jirrikjedi approċċ li jikkorrispondi mal-isfidi ffaċċjati. Skont il-Eurofound, aktar minn 40 % tal-ħaddiema li jnaddfu, il-koki u l-indokraturi, u aktar minn 30 % tal-ħaddiema tal-kostruzzjoni u tax-xufiera jirrapportaw diffikultajiet kbar biex ilaħħqu mal-ħajja ⁽⁷⁸⁾. Kważi nofs il-ħaddiema fil-kura tas-saħħa, fil-kura residenzjali u fit-trasport jirrapportaw livelli għoljin ta' pressjoni fuq ix-xogħol ⁽⁷⁹⁾. In-nuqqas fis-setturi tal-kura tas-saħħa u tal-kura residenzjali, speċjalment tal-infermiera u tal-professjonisti tal-kura primarja, huwa primarjament dovut għal pressjoni għolja fuq ix-xogħol, u kundizzjonijiet inadegwati tas-saħħa u s-sikurezza, inkluż ir-riskju ta' vjolenza fuq il-post tax-xogħol ⁽⁸⁰⁾. Il-kriżi tal-COVID-19 amplifikat dan aktar ⁽⁸¹⁾. Fiż-żoni rurali, l-attraenza baxxa tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-aċċess fqir għas-servizzi jistgħu jagħmlu dan in-nuqqas aktar akut ⁽⁸²⁾. Il-ħaddiema agrikoli jirrapportaw ukoll pressjoni għolja fuq ix-

⁽⁷⁸⁾ [European Working Conditions Survey tal-2021 tal-Eurofound](#)

⁽⁷⁹⁾ [European Working Conditions Survey tal-2021 tal-Eurofound](#)

⁽⁸⁰⁾ Il-Kummissjoni Ewropea (2023);: Employment and Social Developments in Europe, Rieżami Annwali 2023.

⁽⁸¹⁾ Il-Kummissjoni Ewropea (2023);: Employment and Social Developments in Europe, Rieżami Annwali 2023.

⁽⁸²⁾ L-istrateġija Ewropea għall-kura (COM(2022)440).

xogħol, riskji għas-saħħa u s-sikurezza, u tħassib finanzjarju ⁽⁸³⁾. F'dan is-settur, hemm xi nuqqasijiet ta' ħaddiema li huma kkawżati wkoll minn xogħol prekarju, konformità baxxa mal-istandards bażiċi okkupazzjonali tas-saħħa u s-sikurezza ⁽⁸⁴⁾. Is-settur tat-trasport qed jiffaċċja nuqqas ta' xufiera, parzjalment minħabba sigħat twal tax-xogħol ⁽⁸⁵⁾ u infurzar fqir tal-istandards okkupazzjonali u tas-sikurezza ⁽⁸⁶⁾.

Il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza ta' **Spanja** fih riforma biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tal-kura tas-saħħa. Biex tindirizza n-nuqqas ta' infermiera u tobba, din ir-riforma se tnaqqas l-użu ta' kuntratti temporanji, trawwem l-iskjerament ta' professjonisti f'regġuni remoti u ttejjeb l-ambjent u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

Fis-**Slovenja**, ftehim kollettiv innegożjat mill-ġdid fl-industrija tal-karta stabbilixxa paga bażika ogħla, li jagħmel l-impjiegi fis-settur aktar attraenti.

Sabiex tingħata spinta lill-ġħoti ta' taħriġ fis-setturi affettwati min-nuqqas ta' ħaddiema, il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza **Slovakk** fih miżura li għandha l-għan li ttiprovdi taħriġ lil mill-inqas 60 % tal-ġħalliema fl-edukazzjoni primarja u sekondarja tal-ewwel livell, filwaqt li, fin-**Netherlands**, in-negożjar kollettiv fis-settur tal-manifattura tal-vetturi bil-mutur qed jgħin

In-negożjar kollettiv għandu rwol ewlieni fl-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Djalogu soċjali u negożjar kollettiv li jiffunzjonaw sew huma l-aktar mezzi effettivi biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u b'hekk jgħinu biex jittaffa n-nuqqas ta' ħaddiema. Bl-istess mod, is-sħab soċjali għandhom jiġu kkonsultati dwar leġislazzjoni ġdida jew imtejba dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol biex jiġi massimizzat l-impatt tagħha.

F'dawn l-aħħar snin, l-UE stabbiliet ħafna inizjattivi biex tippromwovi kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u pagi adegwati. Dawn jinkludu d-Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-UE ⁽⁸⁷⁾, id-Direttiva dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli

⁽⁸⁸⁾, il-Qafas Strateġiku dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2021–2027 ⁽⁸⁹⁾, kif ukoll il-proposta għal Direttiva dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi (ara l-Anness).

Biex ikompli jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, huma meħtieġa azzjonijiet addizzjonali biex tissaħħaħ u tiġi infurzata bis-sħiħ il-liġi tax-xogħol tal-UE u biex jissaħħaħ in-negożjar kollettiv.

⁽⁸³⁾ “The future of agriculture in Europe and its Impact on Occupational Safety and Health (OSH)”, rapport tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, 2021.

⁽⁸⁴⁾ “The future of agriculture in Europe and its Impact on Occupational Safety and Health (OSH)”, rapport tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, 2021.

⁽⁸⁵⁾ World Employment and Social Outlook tal-2023 tal-ILO dwar “the value of essential work”.

⁽⁸⁶⁾ Il-Kummissjoni Ewropea (2023).; Employment and Social Developments in Europe, Rieżami Annwali 2023.

⁽⁸⁷⁾ Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea.

⁽⁸⁸⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea.

⁽⁸⁹⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2022 dwar qafas strateġiku ġdid tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali wara l-2020 (inkluża protezzjoni aħjar tal-ħaddiema mill-esponent għal sustanzi ta' ħsara, mill-istress okkupazzjonali u minn leżjonijiet minħabba movimenti ripetittivi)(2021/2165(INI)).

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se:

- Tadotta proposta għal **Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships imsaħħaħ** biex ittejjeb il-perkorsi għaż-żgħażaġh biex jiksibu esperjenza professjonali, itejbu l-ħiliet tagħhom u jaċċessaw is-suq tax-xogħol.
- Bħala segwitu għar-rapport leġiżlattiv fuq inizjattiva proprja tal-Parlament Ewropew dwar id-dritt ta' skonnessjoni u t-telexogħol ⁽⁹⁰⁾, tniedi l-konsultazzjoni tal-ewwel pass tas-sħab soċjali bil-ħsieb li tipproponi **inizjattiva dwar it-telexogħol u d-dritt ta' skonnessjoni** biex jiġi żgurat il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-ħaddiema fil-kuntest ta' diġitalizzazzjoni akbar tad-dinja tax-xogħol, kif ukoll is-saħħa fiżika u mentali tagħhom, u, min-naħa l-oħra, il-kwalità ġenerali tal-impjiegi tagħhom.
- Tadotta proposta, fit-tielet kwart tal-2024, **għas-sitt emenda tad-Direttiva dwar il-Karċinoġeni, il-Mutaġeni u s-Sustanzi Tossiċi għar-Rirpoduzzjoni** ⁽⁹¹⁾ biex ittejjeb is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema billi tindirizza ħames sustanzi jew gruppi ta' sustanzi rilevanti.
- **Tanalizza l-impatt tat-teknoloġiji tad-diġitalizzazzjoni u tal-awtomatizzazzjoni, inkluża l-Intelliġenza Artifiċjali**, fuq is-swieq tax-xogħol u tivvaluta l-ħtieġa futura potenzjali li jiġi rregolat l-użu tal-algoritmi fid-dinja tax-xogħol ⁽⁹²⁾.
- Twettaq s-tħarriġ dwar **is-saħħa mentali tal-forza tax-xogħol tas-saħħa** u tippreżenta xi linji gwida biex tipproteġi s-saħħa mentali tagħhom ⁽⁹³⁾, taħt il-programm l-UE għas-Saħħa.
- Twettaq rieżami bejn il-pari mal-Istati Membri dwar l-approċċi leġiżlattivi u ta' infurzar tagħhom biex jindirizzaw **ir-riskji psikosoċjali** fuq il-post tax-xogħol fl-Istati Membri bil-ħsieb li tiġi kkunsidrata inizjattiva possibbli fil-livell tal-UE fit-terminu medju, soġġetta għas-sejbiet tagħha u l-kontribut tas-sħab soċjali.
- Fil-livell settorjali, issegwi r-rapport leġiżlattiv fuq inizjattiva proprja tal-Parlament Ewropew dwar **is-sitwazzjoni soċjali u professjonali tal-artisti u l-ħaddiema fis-setturi kulturali u kreattivi**. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni beħsiebha tniedi diversi inizjattivi bħat-tisħiħ tal-implimentazzjoni u l-infurzar tar-regoli eżistenti u l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe lakuna regolatorja li tkun teħtieġ segwitu ulterjuri permezz ta' inizjattivi u proposti oħra.
- Tipproponi **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar karrieri attraenti u sostenibbli fl-edukazzjoni għolja**, biex tippromwovi kundizzjonijiet tax-xogħol aktar attraenti fis-settur tal-edukazzjoni għolja u governanza mtejba.
- Torganizza **Konferenza parteċipattiva dwar is-Suq tax-Xogħol fit-23 ta' April 2024 mal-partijiet ikkonċernati rilevanti fis-settur tat-trasport** – li huwa

⁽⁹⁰⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Jannar 2021 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar id-dritt ta' skonnessjoni (2019/2181(INL)).

⁽⁹¹⁾ Id-Direttiva (UE) 2022/431 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2022 li temenda d-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 88, 16.3.2022, p. 1-14).

⁽⁹²⁾ Bħala segwitu għall-impenn meħud fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar għal Ewropa soċjali aktar b'saħħitha: l-isfruttament tal-benefiċċji kollha tad-diġitalizzazzjoni għall-futur tax-xogħol" (COM (2021)761 final).

⁽⁹³⁾ Il-Komunikazzjoni tal-2023 dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali.

partikolarment affettwat minn nuqqas ta' ħaddiema – u tiskambja Prattiki u Soluzzjonijiet Tajbin.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri:

- **Jimplimentaw bis-sħiħ l-inizjattivi tal-UE** mmirati lejn it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, b'mod partikolari, jiżguraw it-traspożizzjoni korretta u f'waqtha tad-Direttiva dwar pagi minimi adegwati, u tad-direttivi tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol li jikkonċernaw l-aġġornamenti tad-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol ⁽⁹⁴⁾, id-Direttiva dwar il-Karċinoġeni, il-Mutaġeni u s-Sustanzi Tossiċi għar-Riproduzzjoni (il-ħames emenda) u d-Direttiva dwar l-Aġenti Kimiċi ⁽⁹⁵⁾.
- Jiżguraw **l-infurzar effettiv tal-liġi tax-xogħol**, u għalhekk jiffaċilitaw il-proċess tal-ispezzjonijiet tax-xogħol, billi jqassru l-proċeduri għall-ħaddiema biex jidentifikaw u jirrapportaw l-abbużi, iżidu s-sanzjonijiet u jipprevjenu lill-kumpaniji milli jevadu l-penali, filwaqt li jfittxu li jimminimizzaw il-piżijiet amministrattivi bla bżonn, b'mod partikolari għall-SMEs.
- Iwettqu r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar **l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika**, anke fil-kuntest tal-Osservatorju ta' Tranżizzjoni Ġusta, u jsegwu b'miżuri rilevanti inkluż dwar kif **joħolqu kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti fis-setturi ekoloġiċi**.
- Fil-livell settorjali, jiżviluppaw politiki biex **jattiraw u jżommu l-infermiera** permezz tat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-mentoraġġ tal-professionisti żgħażaġh, bl-appoġġ tal-Programm UE għas-Saħħa.

Il-Kummissjoni tilqa' l-intenzjoni tas-sħab soċjali li:

- Jindirizzaw **kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena permezz ta' negozjar kollettiv** fis-setturi kkaratterizzati minn kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati, bħall-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul, it-trasport, il-kostruzzjoni, l-agrikoltura (eż. ħaddiema staġjonali), u l-edukazzjoni ⁽⁹⁶⁾.
- Jinvolvu ruħhom fin-negozjati tal-aġġornament tal-linji gwida multisettorjali **biex jiġu indirizzati l-vjolenza u l-fastidju minn partijiet terzi** relatati max-xogħol **fis-settur tal-kura tas-saħħa** ⁽⁹⁷⁾.
- Itejbu **l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tal-edukazzjoni**, permezz ta' negozjar kollettiv fil-livelli kollha, jiżguraw salarji kompetittivi, jippromwovu l-benesseri, it-tnaqqis tar-riskju, u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, kif ukoll jinvestu fl-iżvilupp professjonali ⁽⁹⁸⁾.

⁽⁹⁴⁾ Id-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (ĠU L 330, 16.12.2009, p. 28-36).

⁽⁹⁵⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11-23).

⁽⁹⁶⁾ CoESS, EPSU, ETF, il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (KETU), ETUCE, EFEE, FESE, u IndustriAll Ewropa.

⁽⁹⁷⁾ L-EPSU u l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Impjegaturi tal-Isptarijiet u tal-Kura tas-Saħħa (HOSPEEM).

⁽⁹⁸⁾ Il-KETU u l-EFEE.

- Jaħdmu fuq rakkomandazzjonijiet biex **jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-servizzi soċjali**, inkluż **fis-settur tal-kura fit-tul** bħala parti mill-proġett ⁽⁹⁹⁾ tal-IWorCon ⁽¹⁰⁰⁾.
- Jaħdmu flimkien lejn **qafas Ewropew għal kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba għal xufiera minn pajjiżi terzi** ⁽¹⁰¹⁾.
- Jippromwovu **l-Karta Globali tax-Xufiera** dwar it-titjib **tat-trattament tax-xufiera fis-siti tal-konsenja**, u t-titjib **tal-istandards tas-saħħa u s-sikurezza għax-xufiera tat-trakkijiet**, inkluż fil-ħin tat-tagħbija u l-ħatt ⁽¹⁰²⁾.

3.4. It-titjib tal-mobbiltà ġusta fi ħdan l-UE tal-ħaddiema u l-istudenti

Mobbiltà ġusta tal-forza tax-xogħol tista' tgħin biex jiġi indirizzat in-nuqqas li huwa partikolarment akut f'xi pajjiżi jew reġjuni, filwaqt li inqas prevalenti f'oħrajn. Fl-2023, kważi 10,7 miljun ċittadin tal-UE ta' bejn il-15 u l-64 sena kienu qed jgħixu fi Stat Membru tal-UE li mhuwiex dak tal-oriġini tagħhom ⁽¹⁰³⁾. Aktar minn 7,5 miljuni kienu attivi fis-suq tax-xogħol, li jikkorrispondi għal madwar 3,6 % tal-forza tax-xogħol totali tal-UE ⁽¹⁰⁴⁾. L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) twaqqfet biex tiżgura li d-dritt għall-moviment liberu tal-ħaddiema jiġi infurzat b'mod ġust u effettiv billi tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni, il-bini tal-kapaċitajiet u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u applikazzjoni u infurzar effettivi tad-dritt tal-UE fil-qasam. Mill-2021, l-ELA timmaniġġja wkoll in-Network tas-Servizzi Ewropej tax-Xogħol (EURES), biex tiffaċilita t-tqabbil tal-impjiegi bejn il-fruntieri. Madankollu, din it-tranżizzjoni ltaqgħet ma' għadd ta' sfidi u, s'issa, l-għadd ta' utenti tal-EURES huwa aktar baxx milli fis-snin li għaddew.

F'dan il-kuntest, il-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-UE tiżgura li n-nies ikomplu jkun koperti mis-sigurtà soċjali meta jmorru jgħixu fi Stat Membru ieħor. Bidla lejn sistemi tas-sigurtà soċjali aktar integrati diġitalment tista' tiffaċilita l-mobbiltà tal-ħaddiema u tal-istudenti. Dan jista' jgħin biex jitnaqqsu l-ostakli għall-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u tal-apprendiment u jagħmilha aktar faċli għall-ħaddiema u l-istudenti biex jeżerċitaw id-drittijiet tas-sigurtà soċjali tagħhom f'pajjiżi oħra tal-UE. Dan jista' jagħti wkoll l-opportunità liċ-ċittadini tal-UE li jkollhom aċċess aktar faċli għal opportunitajiet ta' xogħol madwar l-UE kollha. Il-passi li ttieħdu s'issa għad-diġitalizzazzjoni tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali jinkludu l-istabbiliment tal-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI) u t-tnedija tal-inizjattiva tal-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (ESSPASS), li tesplora soluzzjonijiet diġitali għall-verifika tad-dokumenti ta' intitolament tas-sigurtà soċjali tan-nies f'pajjiżi oħra tal-UE ⁽¹⁰⁵⁾. Il-kumpaniji identifikaw id-dikjarazzjoni meħtieġa fil-kuntest tal-istazzjonar transfruntier tal-ħaddiema bħala piż amministrattiv sinifikanti. Il-Kummissjoni wiegħbet billi ffaċilitat

⁽⁹⁹⁾ Il-proġett IWorCon għandu l-għan li jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tas-servizzi soċjali biex isaħħaħ l-attraenza tiegħu.

⁽¹⁰⁰⁾ Il-FESE u l-EPSU.

⁽¹⁰¹⁾ L-Unjoni Internazzjonali tat-Trasport bit-Triq (IRU) u l-ETF.

⁽¹⁰²⁾ L-IRU.

⁽¹⁰³⁾ Il-popolazzjoni fl-1 ta' Jannar 2022. Sors: Eurostat, statistika dwar il-popolazzjoni u l-migrazzjoni.

⁽¹⁰⁴⁾ Sors: Eurostat, sħarriġ dwar il-forza tax-xogħol. Barra minn hekk, kien hemm 1,7 miljun ħaddiem transfruntier u 3,6 miljun ħaddiem stazzjonat fl-UE fl-2021 (Annual Report on Intra-EU Labour Mobility 2022).

⁽¹⁰⁵⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Settembru 2023 dwar "Id-diġitalizzazzjoni fil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali: l-iffaċilitar tal-moviment liberu fis-Suq Uniku", COM(2023) 501.

il-ftehim ta' għamla komuni għad-dikjarazzjoni tal-ħaddiema stazzjonati għall-Istati Membri interessati u billi esplorat għażliet biex toħloq portal elettroniku komuni għal tali dikjarazzjonijiet.

L-aċċess transfruntier għall-professjonijiet regolati huwa rregolat minn Direttiva tal-UE li tappoġġa r-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki professjonali mill-Istati Membri ⁽¹⁰⁶⁾. Id-Direttiva bħalissa tipprevedi mekkaniżmu li jippermetti liċ-ċittadini jwettqu professjoni regolata fi Stat Membru ieħor iżda l-esperjenza turi li l-proċeduri ta' rikonoxximent jistgħu jittejjbu biex isiru aktar sempliċi u aktar rapidi b'appoġġ għall-mobbiltà fl-UE.

Mobbiltà tal-apprendiment akbar għandha l-potenzjal li tnaqqas in-nuqqas ta' ħiliet billi ttejjeb l-impjegabbiltà tal-parteeipanti, inkluż billi tiżviluppa l-ħiliet lingwistiċi u trasversali tagħhom jew tagħxi bħala pass inizjali lejn esperjenza ta' xogħol f'pajjiż ieħor ⁽¹⁰⁷⁾. Il-kisba ta' mobbiltà tal-apprendiment akbar teħtieġ li jitneħħew l-ostakli bħall-piż amministrattiv, l-ostakli lingwistiċi, l-appoġġ finanzjarju xi drabi insuffiċjenti u n-nuqqas ta' rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki ⁽¹⁰⁸⁾. Dawn l-ostakli jistgħu jkunu partikolarment importanti għall-istudenti b'inqas opportunitajiet jew bi sfondi soċjoekonomiċi inqas vantaġġati.

Il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar “Ewropa Attiva” ⁽¹⁰⁹⁾ fiha miri ambizzjużi għall-mobbiltà tal-apprendiment sal-2030. Dawn jinkludu s-sehem ta' gradwati li jipparteċipaw fil-mobbiltà tal-apprendiment fl-edukazzjoni għolja (25 %) u fl-edukazzjoni vokazzjonali (15 %). B'mod partikolari, il-mobbiltà tal-apprendisti u ta' studenti oħra fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali teħtieġ sforzi msaħħa. L-integrazzjoni ulterjuri tal-mobbiltà tal-apprendiment fil-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ, is-sensibilizzazzjoni, it-tagħlim tal-lingwi mtejjeb u r-rikonoxximent awtomatiku tal-eżiti tat-tagħlim għandhom iwittu t-triq biex jintlaħqu dawn il-miri. Il-proposta fiha wkoll kwota għall-parteeipazzjoni ta' studenti żvantaġġati (20 %) u prinċipji ddedikati għall-appoġġ tal-mobbiltà tal-apprendisti li jiffaċċjaw ostakli speċifiċi.

Dawn il-passi kollha huma wkoll f'konformità mal-isforzi tal-Kummissjoni biex tissimplifika r-regoli eżistenti u tnaqqas il-piż amministrattiv għan-negozji ⁽¹¹⁰⁾.

Huma meħtieġa azzjonijiet addizzjonali biex tkompli ttejjeb il-mobbiltà għusta fi ħdan l-UE tal-ħaddiema u l-istudenti.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se:

- F'kooperazzjoni mal-ELA, timplimenta sinerġiji addizzjonali bejn l-EURES u l-EUROPASS għal servizzi aħjar lill-Istati Membri, lil dawk li qed ifittxu impjeg u

⁽¹⁰⁶⁾ Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22-142).

⁽¹⁰⁷⁾ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill “Ewropa Attiva” – opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd, (SWD(2023) 719).

⁽¹⁰⁸⁾ Kif jindika r-Rapport tal-2023 dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2018 dwar ir-rikonoxximent awtomatiku, huwa meħtieġ aktar sforz biex jinkiseb rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki u l-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż kemm għall-edukazzjoni għolja kif ukoll għall-livell tal-edukazzjoni sekondarja.

⁽¹⁰⁹⁾ Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2023 dwar “Ewropa Attiva” – opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd (COM(2023) 719 final).

⁽¹¹⁰⁾ Kif imħabbar fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2024, disponibbli [online](#).

lill-impjegaturi, biex tagħmel użu sħiħ mill-potenzjal tal-EURES u żżid l-għadd ta' kollokamenti transfruntiera.

- Tippromwovi l-ftehim f'waqt u l-implimentazzjoni mifruxa ta' forma komuni ta' **format elettroniku għad-dikjarazzjonijiet tal-ħaddiema stazzjonati**, ikkomplementata bl-iżvilupp ta' portal diġitali multilingwi li permezz tiegħu l-kumpaniji jistgħu jissottomettu dikjarazzjonijiet tal-istazzjonar għall-Istati Membri li jiddeċiedu li jaqsmu użu minn din l-għodda, li se tgħin biex jitnaqqas il-piż amministrattiv.
- Thegħgeġ lill-ELA taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u s-sħab soċjali fuq **għodda li tiffaċilita l-kalkolu tar-remunerazzjoni tal-ħaddiema stazzjonati**.
- Tagħgħorna r-rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri dwar kif jirrifurmaw **l-aċċess għall-professjonijiet regolati** ⁽¹¹¹⁾.
- Tesplora l-possibbiltà ta' riforma usa' tas-sistema tal-UE dwar **ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet**, biex tiżgura li l-qafas legali, l-għodod u s-sistemi eżistenti jibqgħu validi fil-futur, ambizzjużi u jikkontribwixxu għal Suq Uniku li jiffunzjona sew.
- Tkompli **tippromwovi l-mobbiltà tal-apprendisti** permezz tal-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati u **s-Sett ta' Għodod** għall-mobbiltà tal-apprendisti ⁽¹¹²⁾, kif ukoll **proġetti ta' esperimentazzjoni** transnazzjonali ddedikati taħt Erasmus+ dwar dan is-suġġett ⁽¹¹³⁾.
- Tipproponi **pakkett ta' edukazzjoni għolja** li jinkludi inizjattiva dwar pjan ta' azzjoni lejn lawrja Ewropea u proposta għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar sistema Ewropea ta' assigurazzjoni u rikonoxximent tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja, bl-għan li tiġi ffaċilitata aktar il-mobbiltà tal-istudenti billi jitneħħew l-ostakli li fadal għar-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki u l-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri:

- Jadottaw malajr, u sussegwentement iwettqu, il-proposta għal **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill "Ewropa Attiva – opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd"**.
- Iżidu l-għadd ta' **spezzjonijiet miftiehma u konġunti mal-ELA** u jiżguraw is-segwitu meħtieġ.
- Ikomplu **jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali**, b'mod partikolari billi jiffinalizzaw l-implimentazzjoni tal-EESSI sa mhux aktar tard minn Diċembru 2024 u jinvolvu ruħhom bis-sħiħ fl-attivitajiet pilota tal-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (ESSPASS, European Social Security Pass).

⁽¹¹¹⁾ Biex tagħgħorna l-gwida preċedenti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar "rakkomandazzjonijiet ta' riforma għar-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali", COM/2021/385 final.

⁽¹¹²⁾ Sett ta' Għodod tal-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati (EafA, European Alliance for Apprenticeships) għall-mobbiltà tal-apprendisti.

⁽¹¹³⁾ Sejħa ta' esperimentazzjoni tal-politika tal-Erasmus+ dwar strutturi u networks ta' appoġġ għall-mobbiltà tal-apprendisti.

- **Jagħmlu użu mill-forma komuni għad-dikjarazzjoni elettronika** tal-istazzjonar tal-ħaddiema fis-Suq Uniku.
- **Jagħmlu progress fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill adottati fil-kuntest taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni** u jaħdmu flimkien mal-Kummissjoni Ewropea u mal-partijiet ikkonċernati għall-integrazzjoni futura tal-lawrja Ewropea fl-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki.
- F'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2023 dwar passi ulterjuri biex **ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku fl-edukazzjoni u t-taħriġ akkademiku jsir realtà**, jieħdu passi biex jitneħħew l-ostakli li fadal għar-rikonoxximent awtomatiku.

Il-Kummissjoni tilqa' l-intenzjoni tas-sħab soċjali li:

- Jidentifikaw, flimkien mal-Kummissjoni u l-Istati Membri, għadd ta' **professjonijiet regolati ta' prijorità fejn in-nuqqas huwa l-aktar b'saħħtu** biex jappoġġaw il-mobbiltà tal-ħaddiema f'dawn il-professjonijiet ⁽¹¹⁴⁾.
- Jrawmu **l-mobbiltà transnazzjonali għall-apprendisti u l-professjonisti żgħażaġħ** permezz tal-ħolqien ta' sħubijiet bejn il-fornituri tal-VET u l-SMEs abbażi tal-ħtiġijiet tal-ħiliet tal-kumpaniji ⁽¹¹⁵⁾.
- Jappoġġaw **l-eliminazzjoni tal-ostakli għall-mobbiltà tal-ħaddiema b'ħiliet** bħal klawżoli ta' nonkompetizzjoni fil-kuntratti tal-ħaddiema. ⁽¹¹⁶⁾
- Fil-livell settorjali, jaħdmu mal-Kummissjoni dwar **Rakkomandazzjoni futura tal-Kunsill tal-UE dwar il-kontrolli transfruntiera tal-isfond tal-persunal tas-sigurtà** ⁽¹¹⁷⁾.
- Jinkoraġġixxu **l-mobbiltà tal-apprendiment** fi ħdan l-umbrella **tal-ambjenti tal-iskola tradizzjonali** ⁽¹¹⁸⁾.

3.5. L-attrazzjoni ta' talent minn barra l-UE

Jekk l-isforzi biex jiġu sfruttati t-talenti minn ġewwa l-Unjoni jiġu kkomplementati, il-mobbiltà ordnata minn pajjiżi terzi għandha wkoll rwol importanti x'taqdi fl-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet. Madankollu, il-kisbiet tal-UE jifilħu jkun ta' livell haġfa oġhla fejn tidħol l-attrazzjoni tal-UE bħala destinazzjoni għat-talent globali. L-iffaċilitar tat-tqabbil tal-impjiegi u l-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol uguali u ġusti għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jgħinu biex jattiraw talent minn pajjiżi mhux tal-UE. Bħala parti mill-pakkett dwar il-Mobbiltà tal-Ħiliet u tat-Talenti ⁽¹¹⁹⁾, ir-Riżerva ta' Talent tal-UE proposta reċentament ⁽¹²⁰⁾ għandha l-għan li tiffaċilita r-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi mhux tal-UE f'okkupazzjonijiet b'nuqqas ta' ħaddiema fl-UE kollha fil-livelli kollha tal-ħiliet. Ladarba tiġi stabbilita, din se tkun l-ewwel pjattaforma

⁽¹¹⁴⁾ BusinessEurope.

⁽¹¹⁵⁾ SMEunited.

⁽¹¹⁶⁾ Eurocadres.

⁽¹¹⁷⁾ Il-Konfederazzjoni tas-Servizzi tas-Sigurtà Ewropej.

⁽¹¹⁸⁾ HOTREC.

⁽¹¹⁹⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2023 dwar il-Mobbiltà tal-Ħiliet u t-Talenti (COM(2023) 715 final).

⁽¹²⁰⁾ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE (COM/2023/716).

online għall-UE kollha miftuħa għal kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jixtieq jaħdem legalment fl-Unjoni, u fejn l-Istati Membri parteċipanti se jirreġistraw postijiet tax-xogħol battala ta' impjegaturi stabbiliti fit-territorji tagħhom. B'hekk tista' tikkomplementa d-dispożizzjonijiet dwar il-moviment ta' persuni fiżiċi fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles tal-UE li jiffaċilitaw ukoll il-provvista ta' servizzi minn professjonisti ta' pajjiżi terzi b'livelli għoljin ta' ħiliet. Barra minn hekk, minbarra l-protezzjonijiet għall-ħaddiema migranti inklużi fir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Permess Uniku ⁽¹²¹⁾ bħal garanziji proċedurali jew drittijiet speċifiċi mogħtija abbażi ta' dan il-permess, ir-Riżerva ta' Talent tal-UE se tinkludi salvagwardji inkorporati biex jiġu evitati Prattiki ta' sfruttament u inġusti, filwaqt li tfakkar li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi reklutati permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE se jkollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-ħaddiema tal-UE ladarba jkunu impjegati, inklużi fir-rigward tar-rispett tal-liġijiet u l-prinċipji tal-UE biex tiġi żgurata integrazzjoni bla xkiel fil-komunitajiet lokali.

F'Novembru tal-2023, l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja nedew il-proġett "Digital Explorers 2", appoġġat mill-Kummissjoni permezz tal-Faċilità ta' Sħubija għall-Migrazzjoni. Il-proġett jiffaċilita l-iskambju tat-talent u tal-ġarhien bejn l-UE u l-pajjiżi mhux tal-UE. Matul is-sentejn u nofs li ġejjin, il-professjonisti tal-ICT min-Niġerja, il-Kenja u l-Armenja se jaħdmu f'kumpaniji u negozji ġodda

Is-Sħubijiet ta' Talent jistgħu jtejbju wkoll il-perkorsi legali lejn l-UE filwaqt li jinvolvu lill-pajjiżi sħab b'mod strateġiku fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, b'mod partikolari billi jgħinu biex titnaqqas il-migrazzjoni irregolari u jinċentivaw lis-sħab biex jikkooperaw dwar ir-ritorn u r-riammissjoni. S'issa, ġew stabbiliti sħubijiet ta' talent mal-Marokk, it-Tuneżija, l-Eġittu, il-Pakistan u l-Bangladesh ⁽¹²²⁾. Dawn is-sħubijiet jipprovdu qafas ta' politika u ta' finanzjament biex tissaħħaħ il-koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab ewlenin dwar il-mobbiltà u l-iżvilupp tal-ħiliet b'mod ta' benefiċċju reċiproku. Il-programmi u l-inizjattivi tal-Kummissjoni ⁽¹²³⁾ li jiffukaw fuq il-mobbiltà tal-migranti minn pajjiżi

sħab biex jistudjaw, jaħdmu jew jiġiharrġu fl-UE jikkontribwixxu għal sħubijiet ta' talent, abbażi tal-prinċipju ta' benefiċċji reċiproki kemm għall-pajjiżi ta' orijini kif ukoll għal dawk ta' destinazzjoni. Barra minn hekk, bħala parti mill-Global Gateway komprensiv, l-UE tappoġġa l-edukazzjoni u t-taħriġ tekniċi u vokazzjonali u l-bini tal-ħiliet fil-pajjiżi sħab. ⁽¹²⁴⁾

Il-validazzjoni tal-ħiliet u r-rikonossiment tal-kwalifiki għandhom ukoll rwol ewlieni fil-kuntest tar-reklutaġġ tat-talent minn pajjiżi mhux tal-UE. Proċessi bil-mod jew kumplessi għar-rikonossiment tal-ħiliet u l-kwalifiki jistgħu jirrestrinġu l-opportunitajiet

⁽¹²¹⁾ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (riformulazzjoni) COM/2022/655 final.

⁽¹²²⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Nattiraw il-ħiliet u t-talent lejn l-UE COM/2022/657.

⁽¹²³⁾ L-inizjattiva tal-Kummissjoni "Lejn approċċ olistiku għall-migrazzjoni u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol fit-Tramuntana tal-Afrika" (THAMM, Towards a holistic approach to labour migration and mobility in North of Africa) hija eżempju ta' programm li jappoġġa l-istabbiliment tas-Sħubijiet ta' Talent, billi ssaħħaħ il-governanza tal-migrazzjoni tal-ħaddiema fir-reġjun u jistabbilixxi skemi ta' mobbiltà mill-Marokk, it-Tuneżija u l-Eġittu lejn l-Ewropa.

⁽¹²⁴⁾ Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment dwar Il-Portal Globali, JOIN(2021) 30.

ta' impjieg għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, u jaġixxu bħala diżinċentiv għall-impjegaturi. Kif indikat fil-pakkett dwar il-Mobbiltà tal-Ħiliet u tat-Talenti ⁽¹²⁵⁾, ir-realtà tas-swieq tax-xogħol titlob approċċi ta' ħiliet l-ewwel. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ⁽¹²⁶⁾, adottata wkoll bħala parti mill-pakkett dwar il-Mobbiltà tal-Ħiliet u t-Talenti, tippovdi gwida lill-Istati Membri dwar kif jissimplifikaw u jaċċelleraw il-validazzjoni tal-ħiliet u r-rikonoxximent tal-kwalifiki miksuba barra mill-UE, biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-professjonijiet regolati u għall-programmi ta' tagħlim, kif ukoll għall-viża jew għall-permessi tax-xogħol u tar-residenza.

Biex jiġi attrirat aktar it-talent minn barra l-UE biex jimtela' n-nuqqas tal-UE, huma meħtieġa azzjonijiet addizzjonali biex jiġu żgurati politiki effettivi ta' tqabbil u integrazzjoni tal-impjieg kif ukoll kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali u ġusti.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se:

- Tesplora kif tista' **tkompli tappoġġa lill-pajjiżi mhux tal-UE fl-iżvilupp ta' kurrikuli u moduli ta' taħriġ**, inkluż fil-qafas ta' sħubijiet ta' talent u permezz tal-appoġġ tal-programmi ta' finanzjament tal-UE.
- **Tistabbilixxi r-Riżerva ta' Talent tal-UE**, ladarba tiġi adottata mill-koleġiżlaturi, biex tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu barra mill-UE.
- **Iżżid il-koperazzjoni dwar il-ħiliet u l-perkorsi legali** ma' pajjiżi sħab mhux tal-UE inkluż permezz tat-tisħiħ u l-esplorazzjoni ta' sħubijiet ġodda ta' talent bħala parti minn kooperazzjoni strateġika u komprensiva fil-ġestjoni tal-migrazzjoni u inizjattivi rilevanti oħra ta' koperazzjoni, filwaqt li jiġi evitat l-“eżodu ta' mħuħ” u jinbidel f’“kisba ta' mħuħ” fil-pajjiżi sħab.
- **Iżżid l-involviment tagħha mal-Istati Membri u s-sħab soċjali** dwar kwistjonijiet li jlaqqgħu flimkien il-migrazzjoni u l-impjieg legali permezz **tal-Pjattaforma dwar il-Migrazzjoni tal-Ħaddiema**.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri:

- **Jinvolvu ruħhom aktar fi sħubijiet ta' talent** biex isaħħu l-perkorsi tal-migrazzjoni legali billi jniedu skemi ġodda ta' mobbiltà bl-appoġġ tal-finanzjament tal-UE, fejn rilevanti, u permezz ta' pjanijiet direzzjonali maqbula b'mod konġunt għal sħubijiet ta' talent.
- **Jibnu kultura akkoljenti** u jipprovdu politika ta' integrazzjoni effettiva għall-ħaddiema – u l-familji tagħhom – li tinkludi l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjieg, is-saħħa u l-akkomodazzjoni f'konformità mal-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni ⁽¹²⁷⁾; u li tirrispetta l-valuri komuni Ewropej.

⁽¹²⁵⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2015 dwar il-Mobbiltà tal-Ħiliet u t-Talenti, COM(2015) 715.

⁽¹²⁶⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2023 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi (COM(2023)7700).

⁽¹²⁷⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021–2027 COM/2020/758 final.

- Ilestu malajr it-traspożizzjoni sħiħa **tad-Direttiva dwar il-Karta Blu tal-UE** riveduta ⁽¹²⁸⁾, u jagħmlu użu sħiħ mill-flessibbiltà addizzjonali pprovduta **fir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Permess Uniku** biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri tal-immigrazzjoni ladarba tidħol fis-seħħ.
- **Jinfurzw l-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE** b'mod konsistenti biex jindirizzaw l-isfruttament tal-ħaddiema migranti u jggarantulhom trattament ugwali f'konformità mad-Direttiva dwar Sanzjonijiet kontra Min Iħaddem ⁽¹²⁹⁾ u l-protezzjoni msaħħa inkluża fir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Permess Uniku.

Il-Kummissjoni tilqa' l-intenzjoni tas-sħab soċjali li:

- Jikkontribwixxu aktar bl-għarfien espert tagħhom **għat-twaqqif tar-Riżerva ta' Talent tal-UE** ⁽¹³⁰⁾.
- Jiżguraw li **l-ħaddiema migranti jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ġusti u deċenti** biex jaċċessaw l-impjieg filwaqt li tiġi evitata d-diskriminazzjoni u jiġi żgurat trattament ugwali maċ-ċittadini tal-UE u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fuq il-post tax-xogħol ⁽¹³¹⁾.
- Iwettqu ħidma konġunta mmirata lejn **it-trattament ġust ta' xufiera professjonali minn pajjiżi terzi**, u jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' qafas trasparenti u armonizzat tal-UE biex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki professjonisti ta' pajjiżi terzi ⁽¹³²⁾.

4. KONKLUŻJONIJIET

L-implimentazzjoni effettiva ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni teħtieġ approċċ ta' gvern sħiħ – fil-livell tal-UE u mill-Istati Membri f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali. In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet huwa ostaklu serju għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, il-kompetittività, it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali tal-UE. Dawn jistgħu jxekklu wkoll ir-reżiljenza ġenerali tal-UE u t-tfittxija tagħha biex ittejjeb l-awtonomija strateġika miftuħa u s-sigurtà tagħha. Dawn huma xprunati mit-tibdil demografiku, mill-bidliet fil-ħtiġijiet tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol u xi drabi minn kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena. Dawn ivarjaw skont is-settur, l-okkupazzjoni u r-reġjun, u b'hekk jeħtieġu reazzjonijiet ta' politika differenti. Ħafna attivitajiet huma diġà għaddejjin u għal ħafna inizjattivi tal-UE l-isfida tinsab fl-implimentazzjoni effettiva tagħhom fuq il-post u fil-livell settorjali. Il-Kummissjoni hija impenjata li tappoġġa lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali fl-użu effettiv tal-fondi u l-istrumenti disponibbli għal dan il-għan.

Hija meħtieġa aktar azzjoni konċertata mill-Kummissjoni, l-Istati Membri u s-sħab soċjali biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet. Dan huwa f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Val Duchesse, fejn il-Kummissjoni, il-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-UE u s-sħab soċjali impenjaw ruħhom li jieħdu azzjoni biex jindirizzaw il-kawżi

⁽¹²⁸⁾ Id-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE (ĠU L 382, 28.10.2021, p. 1-38).

⁽¹²⁹⁾ Id-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li ttipprevedi standards minimi għal sanzjonijiet u miżuri kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali (ĠU L 168, 30.6.2009, p. 24-32).

⁽¹³⁰⁾ BusinessEurope, ECEG, HOTREC, u SMEunited.

⁽¹³¹⁾ Il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions Indipendenti (CESI, European Confederation of Independent Trade Unions), il-KETU u IndustriAll.

⁽¹³²⁾ L-IRU.

ewlenin tan-nuqqas ta' ħaddiema u hiliyet, kull wieħed fil-firxa tal-kompetenzi tiegħu iżda f'kooperazzjoni mill-qrib. Għalhekk, dan il-pjan ta' azzjoni stabbilixxa għadd ta' azzjonijiet li l-Kummissjoni se tieħu u li l-Istati Membri huma mistiedna jimplimentaw. Jenfasizza wkoll għadd ta' azzjonijiet ewlenin li s-sħab soċjali beħsiebhom jieħdu bħala segwitu għas-Summit ta' Val Duchesse biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u hiliyet.

Se tkun ċentrali l-azzjoni komprensiva biex jiġi sfruttat il-potenzjal tat-tkabbir tal-UE u biex jitmexxew 'il quddiem il-prijoritajiet tal-politika tagħha. Billi tnaqqas in-nuqqas ta' ħaddiema u hiliyet, se tagħti spinta lill-attraenza tal-UE għall-innovazzjoni u l-investimenti, trawwem il-bażi industrijali tagħha, u tiżgura l-kompetittività tagħha. Dan se jikkontribwixxi wkoll għall-ippreservar tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-koeżjoni soċjali ġenerali tal-UE. Il-progress fl-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' azzjoni se jiġi mmonitorjat fil-qafas tas-Semestru Ewropew, b'mod partikolari billi jikkontribwixxi għal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż. Il-Kummissjoni se tistieden lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali biex ikollhom skambji tripartitiċi regolari dwar din il-kwistjoni, bil-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali. B'hekk, il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi sforz kollettiv biex tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u hiliyet fl-UE.

Matul l-aħħar ħames snin, il-Kummissjoni poġġiet fis-seħħ firxa wiesgħa ta' politiki u strumenti biex tindirizza n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, il-biċċa l-kbira minnhom taħt il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u s-Semestru Ewropew.

1. POLITIKI TA' ATTIVAZZJONI

- **Id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata** ⁽¹³³⁾ timmodernizza l-oqfsa legali u ta' politika eżistenti tal-UE biex tappoġġa aħjar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw, tħeġġeġ kondivżjoni aktar ugwali tal-liv tal-ġenituri bejn l-irġiel u n-nisa, u tindirizza s-sottorappreżentanza tan-nisa fis-suq tax-xogħol.
- **Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ Imsaħħa** ⁽¹³⁴⁾ hija impenn mill-Istati Membri kollha biex jiżguraw li **ż-żgħażaġh kollha ta' taħt l-età ta' 30 sena** jirċievu offerta ta' impjieg, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew traineeship ta' kwalità tajba fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jitilqu mill-edukazzjoni.
- **Ir-Rakkomandazzjoni dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol** ⁽¹³⁵⁾ tħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li l-persuni li ilhom qiegħda jiġu rreġistrati ma' servizz għall-impjiegi, jiġu pprovduti b'valutazzjoni individwali profonda biex jidentifikaw il-ħtiġijiet tagħhom u jiġu offruti ftehim ta' integrazzjoni f'impjieg sa mhux aktar tard minn 18-il xahar wara li jsiru qiegħda.
- **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva** għandha l-għan li ssegwi livelli għoljin ta' impjiegi billi tippromwovi appoġġ għal introjtu adegwat, aċċess effettiv għas-servizzi u trawwem l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu, f'konformità mal-approċċ ta' inklużjoni attiva.
- **L-Istrateġija Ewropea għall-Kura** ⁽¹³⁶⁾ għandha l-għan li tiżgura servizzi ta' kura ta' kwalità, affordabbli u aċċessibbli madwar l-UE u li ttejjeb is-sitwazzjoni kemm għall-persuni li jindukraw (professjonali jew informali) kif ukoll għal dawk li jirċievu l-kura. L-Istrateġija hija akkumpanjata minn **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja**, li tistabbilixxi qafas għal riformi ta' politika u investimenti fl-Istati Membri, u **r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal** ⁽¹³⁷⁾, li tħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-parteċipazzjoni f'dawn is-servizzi. Dan isegwi mill-“miri ta' Barċellona” oriġinali li

⁽¹³³⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE.

⁽¹³⁴⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjiegi – It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ (2020/C 372/01).

⁽¹³⁵⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol ĠU C 67.

⁽¹³⁶⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Ewropea għall-kura, COM(2022) 440 final.

⁽¹³⁷⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030 (2022/C 484/01).

għew stabbiliti mill-Kunsill Ewropew fl-2002 u jikkompleta **ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar sistemi ta' edukazzjoni u kura bikrija ta' kwalità għolja tat-tfal** ⁽¹³⁸⁾.

- **Il-pakkett dwar l-Impjiegi għall-Persuni b'Diżabbiltà**, li huwa parti mill-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021–2030 ⁽¹³⁹⁾, għandu l-għan li jippromwovi l-impjiegi ta' persuni b'diżabbiltà fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali għusta.
- L-inizjattiva **ALMA** (Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb) hija mfassla bħala inizjattiva ta' emanċipazzjoni soċjali għaż-żgħażaġh żvantaġġati ta' bejn it-18 u d-29 sena barra mill-edukazzjoni, l-impjiegi jew it-taħriġ (NEETs).
- **Is-Sett ta' Għodod għad-Demografija** ⁽¹⁴⁰⁾ jistabbilixxi approċċ komprensiv għat-tibdil demografiku strutturat madwar erba' pilastri: l-iffaċilitar tar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri, li jippermetti liż-żgħażaġh jilħqu l-potenzjal tagħhom, filwaqt li jappoġġa t-tixjiħ b'saħħtu u attiv, u jattira talent minn barra l-UE.
- **Il-pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali** ⁽¹⁴¹⁾ jiddeskrivi miżuri speċifiċi mmirati lejn it-tisħiħ tal-ekonomija soċjali, inkluż entitajiet bħall-intrapriżi soċjali għall-integrazzjoni fix-xogħol li jipprovdu integrazzjoni soċjali u professjonali għal gruppi żvantaġġati. Dan l-impenn huwa enfazzzjat aktar **mir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali** ⁽¹⁴²⁾.
- **L-istrateġija tal-Unjoni għall-Ugwaljanza** adottati mill-Kummissjoni fl-2020 u fl-2021 ⁽¹⁴³⁾ għandhom l-għan li joħolqu l-kundizzjonijiet biex kulħadd jgħix, jirnexxi u jmexxi fis-soċjetà irrispettivament mill-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. L-istrateġija kollha jinkludu miżuri konkreti biex jappoġġaw l-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol.
- **Il-Panels taċ-Ċittadini Ewropej** għandhom l-għan li jagħtu vuċi liċ-ċittadini, filwaqt li jibnu fuq il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.
- L-istrateġija tal-UE dwar **l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri** ⁽¹⁴⁴⁾ tippreżenta objettivi u azzjonijiet ta' politika biex isir progress sinifikanti sal-2025 lejn Ewropa b'ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-għan huwa Unjoni fejn in-nisa u l-irġiel, il-bniet u s-subien, fid-diversità kollha tagħhom, ikunu liberi li jsegwu t-triq magħżula tagħhom fil-ħajja, ikollhom opportunitajiet indaqs biex jirnexxu, jipparteċipaw fis-soċjetà Ewropea tagħna u jmexxuha. L-inizjattivi rilevanti li għaddejjin bħalissa jinkludu: l-implimentazzjoni

⁽¹³⁸⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019 dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u Kura Bikrija ta' Kwalità Għolja tat-Tfal (2019/C 189/02).

⁽¹³⁹⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021–2030, COM/2021/101.

⁽¹⁴⁰⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar It-tibdil demografiku fl-Ewropa: sett ta' għodod għall-azzjoni, COM/2023/577.

⁽¹⁴¹⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies: pian ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali" (COM(2021) 778).

⁽¹⁴²⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2023 dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali (C/2023/1344).

⁽¹⁴³⁾ Dawn jinkludu l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri; L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020–2025; Il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom 2020–2030; Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda Kontra r-Razziżmu 2020–2025; L-istrateġija għad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà 2021–2030.

⁽¹⁴⁴⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020–2025 COM/2020/152.

tar-regoli dwar it-trasparenza fil-pagi ⁽¹⁴⁵⁾, il-miri ta' Barċellona għall-2030 dwar l-
edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal ⁽¹⁴⁶⁾, u r-regoli dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-
ħajja privata ⁽¹⁴⁷⁾.

- **Il-Pjattaforma tal-UE tal-Karti dwar id-Diversità** tippromwovi d-diversità u l-
inklużjoni fuq il-post tax-xogħol.
- **Fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-
parteċipazzjoni tar-Rom** ⁽¹⁴⁸⁾, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jiġġieldu l-
antiżingariżmu u jtejbu s-sitwazzjoni tal-persuni Rom, *inter alia* fl-impjiegi u l-
edukazzjoni.
- **L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku** jappoġġa lill-Istati Membri, fuq talba, biex ikomplu
jżidu l-provvista tax-xogħol billi jsaħħu l-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u
jirrifurmaw l-implimentazzjoni ta' politiki attivi fis-suq tax-xogħol (ALMPs),
pereżempju taħt l-inizjattiva ewlenija tat-TSI 2023 Youth FIRST, jew jikkoordinaw u
jintegraw aħjar il-kura soċjali u l-kura tas-saħħa, skont l-inizjattiva ewlenija tat-TSI
2023 dwar il-kura integrata ċċentrata fuq il-persuni.
- **Il-Komunikazzjoni dwar Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u
inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE** ⁽¹⁴⁹⁾ tistieden lill-
Istati Membri u lir-reġjuni ultraperiferiċi jidentifikaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet, iħarrġu mill-
għdid lill-ħaddiema fis-settur tat-turiżmu, kif ukoll jippromwovu l-ħiliet ekoloġiċi u
diġitali.

2. POLITIKI DWAR IL-ĦILIET

- **L-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa tal-2020** ⁽¹⁵⁰⁾ hija l-istrateġija tal-Kummissjoni
għall-edukazzjoni u t-taħriġ, bi 12-il azzjoni biex tавvanza t-tranżizzjoni doppja diġitali
u ekoloġika, tippromwovi rkupru ġust, tiżgura l-kompetittività, u ssaħħa ir-reżiljenza.
Din tinkludi:
 - Ir-Rakkomandazzjoni **tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali**, li
tiddefinixxi l-prinċipji ewlenin biex jiġi żgurat li l-edukazzjoni u t-taħriġ
vokazzjonali jadattaw malajr għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u jipprovdu
opportunitajiet ta' taġlim ta' kwalità għaż-żgħażagħ u l-adulti.

⁽¹⁴⁵⁾ Id-Direttiva (UE) 2023/970 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li ssaħħa l-
applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel
u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar.

⁽¹⁴⁶⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2019 dwar Sistemi ta' Edukazzjoni u Kura Bikrija ta'
Kwalità Għolja tat-Tfal, ST/9014/2019/INIT.

⁽¹⁴⁷⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ
bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-
Kunsill 2010/18/UE.

⁽¹⁴⁸⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2021 dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-
parteċipazzjoni tar-Rom 2021/C 93/01 ST/6070/2021/INIT.

⁽¹⁴⁹⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u
Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir
sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE" COM (2022) 198 final.

⁽¹⁵⁰⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2020, Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-
kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, COM(2020)0274.

- **Il-Patt għall-Ħiliet**, li jlaqqa’ flimkien organizzazzjonijiet pubbliċi u privati, inkluż l-impjegaturi u t-trade unions, biex jieħdu azzjoni konkreta biex itejbu l-ħiliet u jħarrġu mill-ġdid lin-nies fl-Ewropa.
- **L-alleanzi tal-pjanijiet ta’ azzjoni tal-ħiliet settorjali**, li jiġbru partijiet ikkonċernati ewlenin mill-ekosistemi industrijali, biex jużaw l-informazzjoni dwar il-ħiliet u strateġija tal-ħiliet settorjali biex jindirizzaw in-nuqqas ta’ ħiliet.
- **Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar aġenda Ewropea ġdida għat-tagħlim tal-adulti 2021–2030** li tenfasizza l-hteġa li tiżdied b’mod sinifikanti l-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim formali, mhux formali u informali.
- **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kontijiet individwali tal-apprendiment**, li tirrakkomanda li l-Istati Membri jikkunsidraw li jistabbilixxu kontijiet individwali tal-apprendiment bħala mezz li jippermetti u jagħti s-setgħa lill-individwi biex jipparteċipaw f’taħriġ rilevanti għas-suq tax-xogħol u jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għall-impjieg jew iż-żamma tagħhom fl-impjieg, flimkien mal-istabbiliment ta’ qafas abilitanti.
- **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali**, li tirrakkomanda li l-Istati Membri jadottaw approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali u b’mod partikolari japplikaw definizzjoni komuni tal-UE, standards tal-UE u l-prinċipji ewlenin għat-tfassil u l-ħruġ tal-mikrokredenzjali. Il-mikrokredenzjali jiddokumentaw l-eżiti tat-tagħlim li student ikun kiseb wara volum żgħir ta’ tagħlim.
- L-għan ewleni **tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet** (Mejju 2023–Mejju 2024) huwa li tqajjem kuxjenza u timmobilizza firxa wiesgħa ta’ atturi biex tagħti impetu ġdid lit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid madwar erba’ oġġettivi ewlenin: l-investiment; ir-rilevanza tal-ħiliet; it-tqabbil tal-aspirazzjonijiet u tas-settijiet tal-ħiliet tan-nies mal-opportunitajiet fis-suq tax-xogħol u l-attirar ta’ talent minn pajjiżi terzi. Il-Komunikazzjoni dwar l-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa ⁽¹⁵¹⁾ (li tinkludi l-Mekkaniżmu ta’ Spinta tat-Talent) u l-proposti tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill li jipprovdu edukazzjoni u taħriġ diġitali ta’ kwalità għolja, inklużivi u aċċessibbli tressqu taħt is-Sena Ewropea tal-Ħiliet.
- **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2023 dwar il-fatturi abilitanti ewlenin għas-suċċess tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali** tistieden lill-pajjiżi tal-UE jiżguraw aċċess universali għal edukazzjoni u taħriġ diġitali inklużivi u ta’ kwalità għolja; **ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2023 dwar it-titjib tal-forniment tal-ħiliet diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ** tistieden lill-pajjiżi tal-UE jipprovdu ħiliet diġitali b’mod koerenti fis-setturi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ.
 - **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2022 dwar “Il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola”** għandha l-għan li tippromwovi eżiti edukattivi aħjar għall-istudenti kollha, irrispettivament mill-isfondi soċjoekonomiċi, kulturali jew personali tagħhom, u b’hekk issaħħaħ id-dimensjoni inklużiva tal-edukazzjoni.
 - L-iżvilupp ta’ kompetenzi ewlenin f’konformità **mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2018 dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja**. Illum il-ġurnata, ir-rekwiżiti ta’ kompetenza nbidlu, fejn aktar impjiegi qed ikunu soġġetti għall-awtomazzjoni, it-teknoloġiji qed ikollhom rwol akbar fl-oqsma kollha tax-

⁽¹⁵¹⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar L-isfruttar tat-talent fir-reġjuni tal-Ewropa COM(2023) 32 final.

xogħol u l-ħajja, u l-kompetenzi intraprenditorjali, soċjali u ċiviċi qed isiru aktar rilevanti sabiex tiġi żgurata r-reżiljenza u l-kapaċità li jadattaw għall-bidla.

- **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2022 dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli** tappoġġa lill-Istati Membri tal-UE fl-isforzi tagħhom biex jgħammru lill-istudenti u l-edukaturi bl-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa għal ekonomija u soċjetà aktar ekoloġiċi u aktar sostenibbli.
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2022 l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli tappoġġa lill-Istati Membri tal-UE fl-isforzi tagħhom biex jgħammru lill-istudenti u l-edukaturi bl-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa għal ekonomija u soċjetà aktar ekoloġiċi u aktar sostenibbli. **L-Akkademji tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti**, skont l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti ⁽¹⁵²⁾ għandhom l-għan li jintroduċu programmi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid f'industriji strateġiċi għat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa bħall-materja prima, l-idroġenu, it-teknoloġiji solari u eoliċi.
- **Il-programm Ewropa Diġitali** jappoġġa l-iżvilupp ta' programmi ta' edukazzjoni u taħriġ (eż. programmi ta' Baċellerat u Maġisteru) f'teknoloġiji avvanzati sabiex tiġi appoġġata l-eċċellenza fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, li tagħmilhom mexxejja dinjija fit-taħriġ ta' speċjalisti diġitali, biex tiżdied il-kapaċità tal-offerta ta' taħriġ għal teknoloġiji avvanzati u biex jitrawwem u jiġi attirat talent diġitali (kemm studenti kif ukoll persunal tat-tagħlim).
- **Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021–2027**, li għandu sett ta' azzjonijiet iddedikati għall-appoġġ tal-iżvilupp tal-ħiliet diġitali.
- Il-Kummissjoni adottat **Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni**, li tfitteż li titfa' l-Ewropa fuq quddiem nett tax-xena emerġenti tal-innovazzjoni teknoloġika profonda u tan-negozji ġodda. L-għan tagħha huwa li tgħin lill-Ewropa toħloq teknoloġiji ġodda biex tindirizza kwistjonijiet soċjetali urġenti u biex tagħmilhom disponibbli fis-suq. Waħda mill-ħames inizjattivi ewlenin tiffoka fuq it-talent u l-ħiliet, il-promozzjoni, l-attrazzjoni u ż-żamma tat-talent, li se jiggarrantixxu t-tkabbir u l-moviment ta' ħiliet teknoloġiċi profondi kruċjali fl-UE u lejha permezz ta' firxa ta' inizjattivi.
- **L-istrateġija Ewropea għall-universitajiet** tisħaq fuq ir-rilevanza tat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, inkluż għat-tranżizzjoni doppja. Dan irrawwem il-kooperazzjoni fost l-universitajiet u mal-ekosistemi industrijali.
- **Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati** (FEG) 2021–2027 li huwa strument speċjali tal-UE biex jesprimi s-solidarjetà tal-UE mal-ħaddiema Ewropej jew ma' daww li jaħdmu għal rashom li ġew issensjati minħabba r-ristrutturar, u biex jgħinhom isibu impjiegi ġodda, anke b'miżuri ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid.
- **Il-Mekkaniżmu ta' Spinta tat-Talent** jappoġġa lir-reġjuni tal-UE biex jattiraw, jiżviluppaw u jżommu t-talent u jindirizzaw l-impatt tat-tranżizzjoni demografika. F'dan il-kuntest, il-Pjattaforma dwar l-Isfruttar tat-Talent hija katalizzatur għall-kollaborazzjoni, li tippermetti l-iskambju ta' ideat, għarfien u riżorsi.

⁽¹⁵²⁾ Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' prodotti ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti (l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti) COM(2023) 161.

- **L-Akkademja għall-Ħiliet fiċ-Ċibersigurtà**, immedija mill-Kummissjoni f'April 2023, għandha l-għan li tiġbor flimkien l-inizjattivi eżistenti dwar il-ħiliet ċibernetiċi u ttejjeb il-koordinazzjoni tagħhom, bil-ħsieb li jitnaqqas id-distakk tat-talent fiċ-ċibersigurtà. L-erba' pilastru tagħha għandhom l-għan li: i) jistabbilixxu approċċ Ewropew komuni għat-taħriġ fiċ-ċibersigurtà, ii) jiżguraw direzzjonar aħjar tal-opportunitajiet ta' finanzjament għal attivitajiet relatati mal-ħiliet, iii) jagħtu spinta lill-involvement tal-partijiet ikkonċernati biex jindirizzaw id-diskrepanza fil-ħiliet ċibernetiċi, inkluż miżuri biex jittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri; u iv) jiżviluppaw metodoloġija għall-monitoraġġ tal-progress miksub.
- **L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku** jappoġġa lill-Istati Membri, fuq talba, fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali biex jippromwovu t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-popolazzjoni pereżempju permezz tal-inizjattiva ewlenija tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku 2024 dwar il-Ħiliet u l-inizjattiva ewlenija tat-TSI 2023 dwar il-Ħiliet Diġitali għall-forza tax-xogħol tas-saħħa. Fl-2025, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku se jkompli jappoġġa l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u r-riformi tal-ħiliet fil-kuntest tal-isfidi demografiċi, soċjoekonomiċi u teknoloġiċi.
- Il-Kummissjoni ħabbret żewġ inizjattivi pilota ġodda mmirati lejn it-trawwim tat-talent u l-interess fis-settur spazjali: **skema ta' kollokament f'impjieġ** għall-istudenti universitarji u l-gradwati, u **l-Kamp tas-Sajf tal-Ispazju CASSINI**, immirat lejn studenti ta' bejn l-14 u t-18-il sena. Dawn l-inizjattivi jikkomplementaw **il-proġett SpaceSUITE** mirfud **mis-sħubija dwar il-ħiliet fuq skala kbira Space4GEO**, bil-għan li titrawwem il-kompetittività tal-industrija spazjali tal-UE permezz tal-iżvilupp tal-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja.
- **Fl-Istrateġija Industrijali tad-Difiża Ewropea**, ppubblikata dan l-aħħar, il-Kummissjoni ħabbret li se tesplora azzjonijiet bil-għan li ttejjeb il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u tappoġġa l-edukazzjoni relatata mad-difiża, b'mod partikolari permezz tal-opportunitajiet ipprovduti mill-programmi industrijali tad-difiża tal-UE, il-koperazzjoni bejn il-fornituri tal-edukazzjoni, inkluż **il-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża**. L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll il-qafas Ewropew ta' kompetenza dwar is-sostenibbiltà GreenComp, li jistabbilixxi l-kompetenzi li l-istudenti kollha jeħtieġu jiżviluppaw b'rabta mal-ambjent u s-sostenibbiltà, kif ukoll il-qafas konġunt ta' kompetenza finanzjarja tal-UE/OECD għall-adulti, u għat-tfal u ż-żgħażaġh li jistabbilixxi l-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa biex in-nies ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar il-finanzi tagħhom.
- Barra minn hekk, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) qed iwettaq b'mod attiv **l-Inizjattiva tat-Talenti fit-Teknoloġija Profonda** bil-għan li jtejjeb il-ħiliet ta' miljun individwu fl-oqsma tat-teknoloġija profonda sal-2025. Dan jiffoka fuq l-avvanz ta' teknoloġiji avvanzati u t-trawwim ta' kultura sostenibbli ta' intraprenditorija u innovazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ.
- **L-Akkademja tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida** se taċċellera t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid fl-ekosistema tal-kostruzzjoni biex tappoġġa t-tranżizzjoni minn ekonomija tal-kostruzzjoni estrattiva, ibbażata fuq il-minerali u li taħdem bl-idrokarbonju fossili għal bijoekonomija riġenerattiva u sistema ċirkolari ta' użu mill-ġdid tal-materjali.

3. POLITIKI GĦAT-TITJIB TAL-KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL

- **Id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-UE** ⁽¹⁵³⁾ tistabbilixxi qafas Ewropew komuni biex tiġi żgurata protezzjoni adegwata tal-paga minima u jiġi promoss in-negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi.
- Il-proposta tal-Kummissjoni għal **Direttiva dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi** ⁽¹⁵⁴⁾ għandha l-għan li ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tal-pjattaformi.
- **Id-Direttiva dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli** ⁽¹⁵⁵⁾ tipprovdri drittijiet sostantivi ġodda għall-ħaddiema Ewropej kollha, u speċjalment għal dawk f'forom prekarji ta' impjieg, filwaqt li ssaħħa l-informazzjoni li għandhom jirċievu dwar ir-relazzjoni tax-xogħol tagħhom u tpoġġihom f'pożizzjoni aħjar biex jiddefendu d-drittijiet tagħhom.
- **Il-Qafas Strateġiku dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2021–2027** ⁽¹⁵⁶⁾ jiddefinixxi l-prijoritajiet u l-azzjonijiet ewlenin għat-titjib tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol.
- Element ewleni **tal-Istrateġija Ewropea għall-Kura** ⁽¹⁵⁷⁾, **ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul ta' kwalità għolja u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal** huwa t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-persuni li jindukraw.
- **Ir-Rakkomandazzjoni dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom** ⁽¹⁵⁸⁾ għandha l-għan li tiżgura aċċess għall-protezzjoni soċjali għal kulħadd, b'mod partikolari l-ħaddiema mhux standard u dawk li jaħdmu għal rashom.
- **Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) 2023–2027** introduċiet mekkaniżmu ta' kundizzjonalità soċjali li permezz tiegħu l-pagamenti tal-bdiewa jkunu marbuta mal-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi tax-xogħol tal-UE dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli, is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali, kif ukoll l-obbligu għall-Istati Membri li jappoġġaw il-forniment ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli fil-qasam tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-possibbiltà li jiġu appoġġati investimenti settorjali għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol.

⁽¹⁵³⁾ Id-Direttiva (UE) 2022/2041 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁵⁴⁾ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi (COM/2021/762).

⁽¹⁵⁵⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁵⁶⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2022 dwar qafas strateġiku għid tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali wara l-2020 (inkluża protezzjoni aħjar tal-ħaddiema mill-esponiment għal sustanzi ta' ħsara, mill-istress okkupazzjonali u minn leżjonijiet minħabba movimenti ripetittivi)(2021/2165(INI)).

⁽¹⁵⁷⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Ewropea għall-kura SWD(2022) 440.

⁽¹⁵⁸⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (2019/C 387/01).

- **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-mezzi biex jiġi indirizzat l-impatt tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fuq il-forza tax-xogħol tat-trasport** ⁽¹⁵⁹⁾.
- **Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali** ⁽¹⁶⁰⁾ tinkludi inizzjattiva ewlenija li tindirizza l-ħiliet tal-professjonisti tas-saħħa, u inizzjattiva ewlenija li tindirizza s-saħħa mentali tal-forza tax-xogħol tas-saħħa.
- **Il-Pakkett dwar il-Mobbiltà I** jinkludi sett wiesa' ta' inizzjattivi biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin li jaffettwaw it-trasport u l-mobbiltà Ewropej. Fost benefiċċji oħra, il-Pakkett itejjeb b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tat-trasport bit-triq.
- **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka**, fl-innovazzjoni u intraprenditorjali fl-Ewropa tinfed il-ħidma biex tattira u żżomm it-talenti fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-Ewropa u tappoġġa l-Qafas Ewropew ta' Kompetenzi għar-Riċerkaturi (ResearchComp) li għadu kif inħoloq.
- **Il-Pjattaforma tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, strument tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti**, għandha l-għan li tippromwovi prospetti ta' karriera u kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità f'impjiegi f'industriji tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti.

4. POLITIKI GĦAT-TITJIB TAL-MOBBILTÀ FI ĦDAN L-UE

- Stabbilita fl-2019, **l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol** għandha l-għan li tiżgura li l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol tiġi infurzata b'mod ġust u effettiv billi tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni, il-bini tal-kapaċitajiet u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-appoġġ għall-applikazzjoni u l-infurzar effettivi tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam.
- L-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' **forma komuni għad-dikjarazzjoni tal-istazzjonar tal-ħaddiema** u l-bini ta' portal elettroniku komuni għal tali dikjarazzjonijiet.
- **L-EURES** jiffaċilita t-tqabbil tal-impjiegi bejn il-fruntieri u joperazzjonalizza l-koperazzjoni bejn is-servizzi tal-impjiegi fi Stati Membri differenti. Taħt **"l-Iskemi ta' Mobbiltà fil-Mira tal-EURES"**, il-Kummissjoni tappoġġa sħubijiet li jgħinu lil gruppi ta' ħaddiema fil-mira, biex jiddeċiedu dwar il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol.
- **L-Europass** bħala pjattaforma tgħin lill-utenti jimmaniġġjaw il-karrieri tagħhom. Din tippermettilhom jiddokumentaw il-ħiliet u l-esperjenzi tax-xogħol, joħlqu profil personali (inkluż CVs u ittri ta' akkumpanjament), jimmaniġġjaw il-ħiliet u jaħżnu l-kredenzjali diġitali sabiex japplikaw għal taħriġ jew impjiegi madwar l-UE.
- **Il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO, European classification of Skills, Competences, and Occupations)** hija klassifikazzjoni multilingwi li tipprovd deskrizzjonijiet standardizzati ta' 3 008 impjieg u 13 890 kunċett ta' ħiliet u għarfien. Din tintuża minn organizzazzjonijiet pubbliċi u privati madwar l-UE għat-tqabbil tal-impjiegi, l-iżvilupp tal-kurrikuli, il-gwida għall-karriera, l-informazzjoni dwar il-ħiliet u l-analiżi tas-suq tax-xogħol.

⁽¹⁵⁹⁾ EUR-Lex - 32024H0236 - MT - EUR-Lex (europa.eu).

⁽¹⁶⁰⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ komprensiv lejn is-saħħa mentali COM/2023/298.

- **Il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (EQF)** huwa għodda għat-trasparenza u l-komparabbiltà tal-kwalifiki.
- **Il-Kredenzjali Diġitali Ewropej** qed jintużaw dejjem aktar fl-Ewropa. Dawn jistgħu jiġu vverifikati b'mod istantanju u jiffaċilitaw it-tqabbil ta' ħaddiema tas-sengħa mal-impjiegi, kif ukoll il-proċessi ta' reklutaġġ u rikonossiment.
- Il-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill **“Ewropa Attiva” – mobbiltà għat-tagħlim għal kulħadd**, adottata f'Novembru 2023, tistabbilixxi miri konkreti għas-sehem ta' gradwati li kellhom jesperjenzaw mobbiltà fit-tagħlim.
- **Ir-reviżjoni tar-Regolament 883/2004 u r-Regolament 987/2009 dwar ir-regoli tal-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali** (pendenti).

5. POLITIKI BIEX JIĠI ATTIRAT TALENT MINN BARRA L-PAJJIŻ

- **Is-Sħubijiet tat-Talenti** jipprovdu qafas biex tissaħħaħ il-koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab ewlenin dwar il-mobbiltà u l-iżvilupp tal-ħiliet b'mod ta' benefiċċju reċiproku, f'konformità mal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Dawn ġew stabbiliti mal-Marokk, it-Tuneżija, l-Eġittu, il-Pakistan u l-Bangladesh. Il-finanzjament tal-UE mill-istrument NDICI-Ewropa Globali u mill-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni jista' jappoġġa inizjattivi biex jiġu ffaċilitati l-impjiegi jew il-mobbiltà għat-tagħlim fl-UE bħala parti mis-Sħubijiet ta' Talent, abbażi tal-prinċipju tal-benefiċċji ċirkolari. Il-programmi u l-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea li jiffukaw fuq il-mobbiltà taċ-ċittadini minn pajjiżi sħab biex jistudjaw, jaħdmu jew jitħarrġu fl-UE jikkontribwixxu għas-Sħubijiet ta' Talent, inkluż billi jipprovdu assistenza għall-bini tal-kapaċitajiet lill-pajjiżi sħab f'oqsma bħall-informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol u l-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-integrazzjoni tal-migranti li jirritornaw u l-mobilizzazzjoni tad-dijaspora.
- **Il-Pjattaforma tal-Migrazzjoni tal-Ħaddiema** tiffaċilita l-kollaborazzjoni bejn il-Kummissjoni u r-rappreżentanti mill-Istati Membri b'għarfien espert fil-politika dwar il-migrazzjoni u l-impjiegi, biex jiġu diskussi sfidi komuni bħan-nuqqas ta' ħaddiema u jittejjeb l-iskambju ta' informazzjoni. Se jkun meħtieġ li tiġi appoġġata l-operazzjonalizzazzjoni effettiva tal-inizjattivi fil-livell tal-UE dwar il-migrazzjoni legali u l-impjiegi. Dan se jiżgura wkoll skambji kontinwi u regolari mas-sħab soċjali, li huma rrappreżentati fil-Pjattaforma.
- **Il-pakkett dwar il-Mobbiltà tal-Ħiliet u tat-Talenti**, li jsegwi d-diskors tal-President von der Leyen dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2022, jippreżenta sett ta' inizjattivi li għandhom l-għan li jagħmlu lill-UE aktar attraenti għat-talent minn barra l-UE. Minbarra r-**Riżerva ta' Talent tal-UE** u r-**Rakkomandazzjoni “Ewropa Attiva” dwar il-mobbiltà għat-tagħlim**, dan jinkludi r-**Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rikonossiment tal-kwalifiki tal-persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi**, li tħeġġeġ lill-istati membri jissimplifikaw u jħaffu r-rikonossiment tal-ħiliet u l-kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.
- **Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni u l-Inklużjoni 2021–2027** jipproponi azzjonijiet konkreti li jappoġġaw lill-Istati Membri u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex jegħlbu l-isfidi relatati mal-integrazzjoni għall-migranti u ċ-ċittadini tal-UE bi sfond ta' migrazzjoni.
- **Id-Direttiva Riveduta dwar il-Karta Blu** se tiffaċilita r-reklutaġġ ta' ħaddiema bi kwalifiki għoljin fl-UE, billi tintroduċi regoli aktar effiċjenti, inklużi kundizzjonijiet ta'

ammissjoni aktar flessibbli, drittijiet imsaħħa u l-possibbiltà li wieħed jiċċaqilaq u jaħdem b'mod aktar faċli bejn l-Istati Membri tal-UE.

- **Il-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Residenti fit-Tul**, ladarba tiġi adottata, se tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' sistema aktar effettiva, koerenti u ġusta biex jinkiseb l-istatus ta' resident għal żmien twil tal-UE.
- **Ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar il-Permess Uniku**, li dwarha l-koleġislaturi laħqu ftehim politiku f'Diċembru 2023, se tikkontribwixxi biex tiffaċilita r-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi billi tissimplifika l-proċedura ta' permess uniku, filwaqt li tagħmilha aktar effettiva għall-ħaddiema u l-impjegaturi mhux tal-UE.
- L-inizjattiva ewlenija tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku 2023 dwar l-integrazzjoni tal-Migranti u l-attrazzjoni tat-Talenti tista' tappoġġa wkoll ir-riformi tal-Istati Membri biex jattiraw u jintegraw lill-migranti biex jimlew in-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol.
- Il-valutazzjoni tal-kwalifiki u l-ħiliet **tax-xufiera tal-karozzi tal-linja u tat-trakkijiet** minn diversi pajjiżi terzi u t-tqabbil tagħhom mar-rekwiżiti korrispondenti fl-UE sabiex l-Istati Membri jiġu appoġġati fis-simplifikazzjoni tal-kwalifika komplementari meħtieġa fl-UE.

6. FONDI LI JINDIRIZZAW IN-NUQQAS TA' ĦADDIEMA U HILJET

Il-baġit tal-UE u n-NextGenerationEU jipprovdu baġit imdaqqaq **fil-ħiliet, fit-taħriġ mill-ġdid u fit-titjib tal-ħiliet**, inkluż:

- **il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+)** huwa l-istrument ewleni tal-UE għall-investiment fin-nies li jikkontribwixxi għall-politiki tal-impjiegi, soċjali, tal-edukazzjoni u tal-ħiliet fl-UE kif ukoll għar-riformi strutturali f'dawn l-oqsma. B'baġit ta' EUR 43.3 biljun (kważi terz tal-FSE+ kollu) iddedikat għall-ħiliet matul il-perjodu 2021–2027, dan qed jipprovdi appoġġ importanti għat-taħriġ tal-ħiliet, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet ⁽¹⁶¹⁾.
- il-Faċilità **għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)** li tikkontribwixxi, fost l-oħrajn, għal tmien oqsma ewlenin: it-tagħlim għall-adulti; il-ħiliet u l-impjiegi ekoloġiċi; il-kapital uman fid-diġitalizzazzjoni, l-appoġġ għall-impjieg mhux taż-żgħażaġh u l-ħolqien tal-impjiegi; l-appoġġ għall-impjieg taż-żgħażaġh u l-ħolqien tal-impjiegi; il-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol; l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, kif ukoll l-edukazzjoni ġenerali, vokazzjonali u għolja (dawn it-tmien oqsma flimkien għandhom kost stmat ta' EUR 94,4 biljun għar-riformi u l-investimenti kkombinati, jiġifieri madwar 15 % tal-pakkett finanzjarju totali tal-RRF fi prezzijiet tal-2022). Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jindirizzaw xi wħud mill-isfidi għall-kwalità, l-ekwità u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ madwar l-UE, inkluż bil-ħsieb li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet ⁽¹⁶²⁾.
- **Erasmus+** (EUR 26,2 biljun), li jappoġġa wkoll l-iżvilupp ta' studenti, persunal u istituzzjonijiet fit-tagħlim għall-adulti u l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

⁽¹⁶¹⁾ Aktar informazzjoni fuq https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/eu-budget/performance-and-reporting/programme-performance-statements/european-social-fund-performance_en.

⁽¹⁶²⁾ Il-miżuri jinkludu fost l-oħrajn il-ħolqien ta' postijiet ta' studju addizzjonali fl-edukazzjoni għolja f'oqsma ta' studju b'domanda għolja fis-suq tax-xogħol, ir-reviżjoni tal-kurrikuli fl-iskola u fl-edukazzjoni għolja, l-appoġġ għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, kif ukoll miżuri ta' apprendiment għall-adulti biex jiġu ffaċilitati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

- **InvestEU** (EUR 4,9 biljuni), strument finanzjarju li għandu l-għan li jimmobilizza l-investment pubbliku u privat matul il-perjodu 2021–27 permezz ta' garanziji, it-tieqa tal-investment soċjali u tal-ħiliet tiegħu li tkopri kemm in-naħa tad-domanda kif ukoll dik tal-provvista tal-ħiliet.
- **Il-linji baġitarji prerogattivi tad-djalogu soċjali** jipprovdu finanzjament biex jappoġġaw il-ħidma tas-sħab soċjali dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet permezz ta' żewġ sejħiet għal proposti ta' dialogu soċjali - Miżuri ta' taħriġ u informazzjoni għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u sejħiet għal proposti għal dialogu soċjali.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-FSE+, dan huwa wieħed mill-istrumenti ta' finanzjament ewlenin għat-twettiq tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, inklużi t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, ir-reżiljenza u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Fil-kuntest tan-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, huwa importanti li jsir investment kemm fin-nies li diġà jinsabu fis-suq tax-xogħol, kif ukoll li n-nies fil-ġenb tas-suq tax-xogħol, il-potenzjal mhux sfruttat, jinġiebu fil-forza tax-xogħol. Bl-użu bħala boxxla tal-20 prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-finanzjament tal-FSE+ jiffoka għalhekk fuq l-oġettivi li ġejjin ⁽¹⁶³⁾:

- l-inklużjoni soċjali; l-inklużjoni attiva, l-aċċess ugwali għal servizzi ta' kwalità u l-immodernizzar tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, l-integrazzjoni soċjoekonomika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, l-integrazzjoni soċjoekonomika ta' komunitajiet emarġinati, bħall-persuni Rom, l-integrazzjoni soċjali ta' persuni f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali, l-indirizzar tad-deprivazzjoni materjali.
- l-edukazzjoni u l-ħiliet; sistemi aħjar ta' edukazzjoni u taħriġ fil-livelli kollha, aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, titjib tal-ħiliet, taħriġ mill-ġdid u tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd.
- l-impjiegi: aċċess għal impjiegi ta' kwalità għal kulħadd, inkluż l-impjiegi taż-żgħażaġħ, l-immodernizzar tal-istituzzjonijiet u s-servizzi tas-suq tax-xogħol, il-parteċipazzjoni bbilanċjata bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol, l-adattament tal-ħaddiema, l-intrapriżi u l-intraprendituri għall-bidla.

Programmi oħra li jistgħu jappoġġaw l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet jinkludu l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ⁽¹⁶⁴⁾, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE), il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA), il-Fond għall-Modernizzazzjoni, il-programm EU4health, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, u l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali. Il-politiki u l-programmi settorjali jżidu wkoll mal-isforz tal-UE għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid ⁽¹⁶⁵⁾.

L-iskemi msemmija hawn fuq jappoġġaw ukoll **miżuri ta' attivazzjoni** u miżuri relatati **mat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol**. Il-FSE+ pereżempju jipprovdi appoġġ kritiku għat-tneħħija tal-ostakli għall-impjiegi, inkluż il-promozzjoni ta' edukazzjoni u kura

⁽¹⁶³⁾ Aktar *data* dwar il-fondi ta' koeżjoni: https://cohesiondata.ec.europa.eu/cohesion_overview/21-27.

⁽¹⁶⁴⁾ Fil-perjodu 2021–2027, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) jipprovdi madwar EUR 8,4 biljuni biex jappoġġa l-iżvilupp tal-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ bil-għan li jtejjeb l-impjegabbiltà u l-kompetenzi biex jiġu indirizzati aħjar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari dawk marbuta ma' strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, it-tranżizzjoni industrijali u l-intraprenditorija.

⁽¹⁶⁵⁾ Fis-settur agrikolu, pereżempju madwar EUR 2 biljun se jintefqu taħt il-PAK 2023–2027 biex itejbu l-ħiliet u jħarrġu mill-ġdid lill-bdiewa, lill-forestiera, u lill-konsulenti tal-azjendi agrikoli permezz ta' appoġġ iddedikat għall-iskambju tal-għarfien, il-pariri u t-taħriġ.

bikrija tat-tfal aċċessibbli, affordabbli u ta' kwalità għolja li timplimenta l-Istrateġija Ewropea għall-Kura u d-Direttiva tal-UE dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata. Il-programmi nazzjonali tal-FSE+ jindirizzaw id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi u jinkludu l-impjiegi taż-żgħażaġh bħala prijorità. L-Istati Membri b'rati ogħla mill-medja ta' żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ jenħtieġ li jinvestu mill-inqas 12,5 % tar-riżorsi tal-FSE+ tagħhom f'azzjonijiet immirati biex jappoġġaw liż-żgħażaġh. L-investimenti tal-FSE+ iġibu magħhom aktar opportunitajiet ta' impjeg għaż-żgħażaġh, għall-anzjani, għall-persuni bi sfond ta' migrazzjoni, u għall-persuni b'livell edukattiv aktar baxx biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema.

Matul dawn l-aħħar snin sar disponibbli wkoll appoġġ finanzjarju sostanzjali biex jitrawmu l-impjiegi u l-ħiliet **għat-tranżizzjoni ekoloġika** taħt strumenti ta' finanzjament differenti tal-UE, bħall-Fond Soċjali Ewropew+ (b'kollox ġew ipprogrammati EUR 9,6 biljun, inkluż kontribuzzjoni tal-UE ta' EUR 5,8 biljun), il-Politika ta' Koeżjoni, il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (EUR 1,5 biljun), iżda wkoll il-programm REPowerEU.